Vol 44
Nru 220
April - Ġunju 2023

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2023

comalt@ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*L-Edikola tal-Axxensjoni*

# Werrej



6



16



24



29


6 Il-knisja tal-Axxensjoni Fuq l-Għolja taż-Żebbuġ

16 L-Ittra ta' San Ġakbu (3)

24 Il-Profeta Eżekjel - Il–Qawmien Tal-Għadam Niexef (Eżk 47, 1-12) (2)

29 Il-Kitbiet Apokrifi

35 Il-Figura ta' Tumas fl-Evanġelju Skont San Ġwann





35

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## IL-KUSTODJA TAL-ART IMQADDSA U L-KULTURA

Meta nitkellmu dwar il-Kustodja tal-Art Imqaddsa soltu nagħtu importanza lill-kura tas-Santwarji tal-Fidwa, il-Postijiet Qaddisa tal-fidi tagħna, li huma l-iskop ewlieni tal-preżenza tal-Patrijiet Franġiskani f'din il-missjoni. Hu veru li l-ewwel raġuni li għaliha l-Franġiskani ilhom preżenti fl-Art Imqaddsa sa mill-1217 hi dik tal-kustodja tas-Santwarji u tat-tqaddis tagħhom permezz tat-talb liturġiku li huma janimaw, l-aktar fil-Bażilići tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm, tan-Nativitá f'Betleħem, u tal-Annunċjazzjoni f'Nazaret. Hu veru wkoll li l-ħidma tal-Franġiskani tinfirex ukoll fil-qasam tal-kura pastorali u karitattiva tal-komunitá Kristjana li tgħix fl-Art Imqaddsa, tal-membri tal-Knisja li huma meqjusin bħala l-"ġebel ħaj" tal-missjoni.

Hemm, iżda, attivitá oħra li forsi mhijiex daqshekk magħrufa b'mod popolari, imma li għandha rwol ewlieni fil-preżenza tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, u li tagħha huma benemeriti. Nirreferu għall-impenn tal-Franġiskani fil-qasam tal-kultura, u l-aktar tal-kultura Biblika u fil-qasam tar-riċerka arkeoloġika. Sa mill-1924, kważi mitt sena ilu, l-Franġiskani ilhom imexxu l-i*Studium Biblicum Franciscanum* tal-kunvent tal-Flaġellazzjoni ta' Ġerusalemm. Illum dan iċ-ċentru akkademiku hu Fakultá tax-Xjenzi Bibliċi u tal-Arkeoloġika



*Studium Bibblicum Franciscanum*

tal-Pontifiċja Università Antonianum ta' Ruma. F'dan iċ-ċentru għexu u ħadmu figuri ta' Franġiskani esperti fil-qasam bibliku u arkeoloġiku, li jgawdu minn fama mondjali. L-ismijiet tagħhom huma magħrufin sewwa: P. Sylvester Saller, P. Gaudenzio Orfali, P. Bellarmino Bagatti, P. Virgilio Corbo, P. Emmanuele Testa, P. Pietro Kaswalder, P. Lino Cignelli, P. Michele Piccirillo, P. Frederick Manns, u oħrajn li llum qed igawdu lill-Mulej, u dawk li għadhom jaħdmu u jistudjaw f'dan iċ-ċentru bħalma huma P. Stanislao Loffreda u P. Eugenio Alliata. Il-Franġiskani, matul mitt sena ta' storja glorjuża, mexxew kampanji ta' skavi mal-lvant nofsani kollu: insemmu l-Muntanja Nebo, Madaba u Umm al Rassas fil-Ġordanja, u s-siti kollha Kristjani fl-Art Imqaddsa li fihom hemm Santwarji, bħalma huma Kafarnahum, Nazaret, il-Qabar ta' Kristu, Ain Karem, il-Ġetsemani. Il-frott tal-ħidma tagħhom wieħed jista' jgawdih fil-Mużew ġdid li hemm fil-kunvent tal-Flaġellazzjoni u li hu miftuħ għall-pellegrini u l-viżitaturi.

Il-formazzjoni biblika li rċevew tant saċerdoti u lajċi mill-i*Studium Biblicum Franciscanum* hi rikkezza li tintwera fil-ħidma akkademika f'diversi ċentri ta' tagħlim bibliku. Il-Franġiskani, li jaħdmu wkoll fil-kollaborazzjoni mad-Dumnikani tal-Ecole Biblique ta' Ġerusalemm u mal-Israeli Antiquities Authority, huma rispettati u apprezzati fid-dinja tal-kultura biblika u fid-djalogu fil-qasam akkademiku.

Fl-Eġittu, fil-kunvent tal-Muski fil-Kajr, il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa jmexxu ċ-Ċentru tal-Istudji Kristjani Orjentali, bl-għajnuna tal-esperti li jaħdmu fi djalogu inter-reliġjuż u ekumeniku f'dan iċ-ċentru attrezzat b'dokumenti imprezzabbli dwar l-istorja u t-teoloġija tal-Knejjes Orjentali u wkoll fi djalogu mad-dinja Islamika.

F'Ġerusalemm, fil-kunvent ta' San Salvatur,

il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa jmexxu Seminarju Internazzjonali li fih diveri Franġiskani mid-dinja kollha jiġu biex jistudjaw it-teoloġija fil-kuntest tar-rikkezza biblika u arkeoloġika tal-Art Imqaddsa. Huma jistudjaw fl-i*Studium Theologicum Jerosolymitanum*, li fih bosta professuri li huma l-istess li hemm fl-i*Studium Biblicum Franciscanum*. Ir-rikkezza tal-internazzjonalità tas-Seminarju ta' San Salvatur hi karatteristika tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa u fl-uċuħ tal-patrijiet fis-Santwarji, li ġejjin tista' tgħid mid-dinja kollha.

Fl-istess kunvent ta' San Salvatur hemm il-Biblioteka Kustodjali u l-Arkivji tal-Kustodja, li fihom minjiera ta' volumi u dokumenti dwar l-istorja tal-Kustodja u tal-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa. Qed isiru preparazzjonijiet, li ilhom sejrin u li resqin lejn it-tmiem, biex il-wirt artistiku u kulturali ta' rikkezzi ta' kwadri artistiċi, paramenti sagri, u opri artistiċi sagri fil-fidda u d-deheb, kollha doni tar-rejiet Kristjani tal-Ewropa fis-sekli li għaddew, ikunu jistgħu jiġu mħarsin u mqegħdin għall-wirja lill-pellegrini u viżitaturi. Ix-xogħol biex jitlesta dan il-Mużew tħalla f'idejn esperti ta' studjużi u mużeoloġi tal-Louvre fi Franza, u hemm diversi reperti tal-Mużew li diġà jinsabu f'wirjiet ta' livell internazzjonali f'diversi Mużewijiet fl-Ewropa.

Fil-qasam tal-kultura mużikali l-Kustodja tal-Art Imqaddsa llum tmexxi l-Istitut *Magnificat* fil-kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm, fejn hemm skola tal-mużika li thejji mużiċisti bil-kollaborazzjoni tal-Konservatorju ta' Vicenza, u li fiha jistudjaw studenti bla distinzjoni ta' reliġjon jew razza. Fiha studenti Kristjani, Lhud u Musulmani, u hi strument ta' djalogu inter-reliġjuż permezz tal-mużika. Il-Kustodja wkoll torganizza diversi *Organ festivals* fid-diversi knejjes u ċentri li fihom hemm orgnijiet famużi, bħal ma ssib f'Ġerusalemm, Nazaret, Betleħem, imma wkoll f'Ċipru, Rodi, il-Ġordanja u l-Libanu. Dan hu mod ieħor kif il-Franġiskani jxerrdu messaġġ ta' paċi f'dan ir-reġjun li hu tant mifni minn firdiet u vjolenza.

Dawn huma biss xi attivitajiet ewlenin ta' natura kulturali li fihom il-Kustodja tinsab minn ta' quddiem. Il-ħidma tal-Franġiskani hi spiss siekta u ssir minn wara l-kwinti, imma kulħadd japprezza l-isforz tal-Kustodja biex tkun strument ta' paċi u djalogu permezz tal-kultura f'kull qasam tagħha. Din il-ħidma kollha tipprovdi wkoll opportunitajiet ta' tagħlim professjonali u ta' impiegi lill-Kristjani lokali, li jidhru bħala komunità li tispikka għall-preparazzjoni akkademika u kulturali tagħha.

Din il-missjoni tal-Franġiskani tal-Art Imqaddsa forsi ma tantx nitkellmu dwarha mal-pellegrini li jżuru l-Postijiet Qaddisa, imma hu importanti li tkun magħrufa u apprezzata iżjed. Il-frott ta' din il-ħidma jidher fis-sens ta' apprezzament u kollaborazzjoni li jsibu l-Franġiskani anke minn persuni li mhumiex neċessarjament marbuta mal-aspett reliġjuż. Il-kultura tista' tkun mezz effikaċi ta' evanġelizzazzjoni ġdida u tnissel tama f'tant bnedmin ta' rieda tajba li jgħixu fl-Art imqaddsa bil-preżenza ta' Ġesù, il-bniedem perfett li jinnobilita dak kollu li l-persuna umana tipproduċi bil-ġenju tagħha. Fl-Art Imqaddsa l-kultura ssir vokazzjoni biex titnissel umanità u tama ġdida.



# IL-KNISJA TAL-AXXENSJONI FUQ L-GĦOLJA TAŻ-ŻEBBUĠ

*Noel Muscat ofm*

*Knejjes Antiki meqruda f'Ġerusalemm*



L-Edikola tal-Axxensjoni fuq l-Għolja taż-Żebbuġ

L-Għolja taż-Żebbuġ, bl-Għarbi *Jabal az-Zaytun*, u bl-Ebrajk *Har ha-Zeitim*, tinsab fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-Belt antika ta' Ġerusalemm, faċċata tal-ispjanata tat-Tempju. Hi togħla 826 metri fuq il-livell tal-baħar. Ix-xaqliba li tħares fuq Ġerusalemm hi miksija siġar taż-żebbuġ, żnuber u ċipress, filwaqt li x-xaqliba l-oħra hi aktar arida, għax tħares fuq id-Deżert tal-Lhudija, jew Deżert ta' Ġuda. Minn fuq il-quċċata hemm dehra mill-isbaħ ta' Ġerusalemm u tad-deżert li jibqa' nieżel sal-wita ta' Ġeriko u l-Baħar il-Mejjet. L-għolja hi karatterizzata minn kampnar twil tal-monasteru tas-Sorijiet Russi Ortodossi, li jidher minn bosta kilometri bogħod. Qrib ħafna ta' dan il-monasteru hemm is-Santwarju tal-Axxensjoni, li minn żmien Saladin hu *waqf* Musulman, imma li l-pellegrini jistgħu jżuruh, karatterizzat minn edikola tonda Kruċjata li fuqha hemm koppletta miżjuda minn Saladin, u li fiha l-pellegrini jqimu l-marka tar-riġel ta' Ġesù fuq il-blat. Din l-edikola timmarka l-post li fih, sa żmien il-Kruċjati, kien hemm Knisja kbira mibnija f'forma ta' rotunda, biex tfakkar l-Axxensjoni tal-Mulej.

## Storja tal-Knisja tal-Axxensjoni fl-era Biżantina

Lejn tmiem ir-4 seklu, fl-era Biżantina, il-quċċata tal-Għolja taż-Żebbuġ, fejn San Luqa jqiegħed ir-rakkont tat-tlugħ fis-sema ta' Ġesù, kien jiġi identifikat bħala l-Post Qaddis tal-Axxensjoni, u kien magħruf bl-isem Grieg *imbomon*, li jfisser "quċċata." Dan l-isem nafuh mid-*Djarju* li ħallietilna l-pellegrina Egeria, li żaret l-Art Imqaddsa fis-sena 384. Xi ftit tas-snin wara, lejn is-sena 392, hemmhekk inbniet Knisja minn mara nobbli Rumana jisimha Pœmenia. Anke dwar din il-Knisja ftit għandna tagħrif, ħlief li kienet mibnija b'tali mod li ma kellhiex pavimentazzjoni, u li fiha l-pellegrini kienu jqimu l-marki tar-riġlejn ta' Ġesù qabel tela' s-sema. Il-Knisja kienet immarkata minn salib fil-quċċata, li wara li ġie maħruq kien ġie mibdul f'salib tal-bronż mill-Imperatriċi Eudocia meta kienet tgħix f'Ġerusalemm fis-snin 443-460.

Fis-sena 438, mara oħra, Melania ż-Żgħira, bniet kappella maġenb il-Knisja

tal-Axxensjoni, li fiha l-pellegrini kienu jqimu r-relikwi ta' San Stiefnu u tal-Erbgħin Martri ta' Sebaste.

Il-Knejjes u monasteri li kien hemm fuq l-Għolja taż-Żebbuġ sofrew ħsarat kbar waqt l-invażjoni tal-Persjani tas-sena 614. Jingħad li aktar minn elf rħieb irġiel u nisa ġew maqtula. Ma nafux jekk il-Knisja tal-Axxensjoni inqerditx, jew jekk ġietx restawrata mir-raħeb Modestos. Li nafu hu li, meta Ġerusalemm waqgħet f'idejn il-Musulmani fis-sena 638, is-salib li kienet waħħlet Eudocia tniżżel minn fuq il-Knisja mill-Kaliff Omar bin al-Khattāb. Minkejja dan, jidher li l-Knisja ma sfatx meqruda, għax lejn tmiem is-seklu 7 insibu din id-deskrizzjoni tagħha mill-pellegrin Arculf:

"Hemmhekk hemm knisja kbira tonda, li għandha madwarha tliet portiċi msaqqfin bl-arkati. Imma fiċ-ċentru tagħha din il-Knisja ma għandhiex volta jew saqaf. Hi miftuħa għas-sema u tinsab barra. Fuq in-naħa tal-lvant għandha altar b'saqaf żgħir fuqu."

Fiċ-ċentru tal-Knisja kienet imħarsa l-marka tar-riġlejn ta' Ġesù fir-ramel taħt il-livell tal-paviment. Din kienet imdawra minn kanċell u kellha lampier dejjem mixgħul imdendel fuqha. Il-faċċata tal-Knisja, li kienet tħares lejn il-punent, kellha tmien twieqi li fihom kien hemm tmint imsiebaħ, li kienu jidhru jixegħlu mill-Belt li tinsab aktar fil-baxx. X'aktarx li d-daħla tal-Knisja kienet fix-xaqliba tan-nofsinhar, faċċata tal-Knisja tal-Eleona, jew tal-*Pater Noster*, li l-fdalijiet tagħha wkoll jidhru sal-lum. Il-Knisja kellha forma tonda, bħal knejjes oħrajn Biżantini li nstabu fl-Art Imqaddsa, per eżempju, f'Scythopolis (Bet Shean).

Barra l-altar maġġur fuq in-naħa tal-lvant, il-Knisja kellha altar fin-nofs fejn il-Patrijarka ta' Ġerusalemm kien jiċċelebra nhar l-Axxensjoni. Il-pellegrin Willibald fis-sena 724-5 jikteb li l-Knisja ma kellhiex saqaf. Hu jsemmi wkoll żewġ kolonni, mal-ħitan tat-tramuntana u n-nofsinhar, li kienu jirrappreżentaw liż-żewġt irġiel lebsin l-abjad (anġli) li dehru lill-appostli wara li l-Mulej tela' fis-sema u qalulhom: "Irġiel tal-Galilija (*Viri Galilæi*) x'intom tħarsu lejn is-sema?" (Atti 1,11). Dawn iż-żewġ kolonni bojod għadhom jeżistu sal-lum ftit bogħod mill-fdalijiet tal-Knisja tal-Axxensjoni, fil-Knisja li l-Griegi Ortodossi għandhom fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u li hi magħrufa appuntu bħala l-*Viri Galilæi*. Bernard ir-Raħeb lejn is-sena 870 jiddeskrivi l-Knisja bħala waħda f'forma tonda u bla saqaf. Dokument antik Armen jgħid li l-Knisja kienet tonda u tixbah lill-*Anástasis*, jew koppla tar-Riżurrezzjoni, tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu.

## Storja tal-Knisja tal-Axxensjoni fl-era Kruċjata

Meta l-Kruċjati assedjaw u rebħu l-Belt ta' Ġerusalemm fil-15 ta' Lulju 1099, ftit ġranet qabel, fit-8 ta' Lulju, waqt li kienu jassedjaw il-Belt, huma telgħu purċissjoni lejn il-Knisja tal-Axxensjoni, fejn il-prelat Arnulf ta' Choques ippriedka.

L-ewwel pellegrin li jiddeskrivi l-Knisja tal-Axxensjoni wara r-rebħa Kruċjata kien Saewulf fl-1002-3, li kien tela' l-Għolja taż-Żebbuġ mill-Knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat. Hu jikteb:

"Il-Knisja hi mmarkata minn torri żgħir tond (*turriculus circumdatus*) u fiha altar fuq il-Post Qaddis. Hi mdawra minn ħajt. Dan hu tassew il-Post fejn kienu l-Appostli flimkien mal-imqaddsa Marija, Ommu, jħarsu mistagħġbin lejh tiela' fis-sema. F'dan l-istess Post kienu dehrulhom iż-żewġt irġiel lebsin l-abjad, li qalulhom: Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema?"

Deskrizzjoni tajba tal-Knisja tal-Axxensjoni jagħthielna l-Abbati Russu Danjel fl-1106-8: "Il-Post tal-Axxensjoni tal-Mulej jinsab fil-quċċata tal-Għolja taż-Żebbuġ. Fin-nofs hemm ġebla tonda għolja daqs l-irkoppa. Minn fuq din il-ġebla Kristu tela' s-sema. Dan il-Post hu mibni bl-arkati, u fuq l-arkati hemm friż tar-rħam. Fin-nofs hemm kappella tonda mingħajr saqaf jew paviment, u f'din il-kappella hemm il-blata qaddisa li fuqha poġġa riġlejh il-Mulej u l-Imgħallem. Fuq din il-blata hemm altar, u llum fuq dan l-altar tiġi ċċelebrata l-liturġija."

Jidher li l-Kruċjati ħallew il-Knisja kif sabuha fl-istat li fih kienet, jiġifieri fl-istil Biżantin, imma wkoll li sofriet bosta ħsarat. Għaldaqstant iddeċidew li jerġgħu jibnuha. Il-Pellegrin tal-Islanda, li żar l-Art Imqaddsa fis-snin 1150-1160 hu l-ewwel xhieda li jgħidilna li l-Knisja kienet inbniet mill-ġdid. Għandna wkoll ix-xhieda ta'Al-Idrisi fl-1154, li jitkellem minn Knisja sabiħa li fiha jgħixu rġiel u nisa li jitolbu l-favur ta' Allah. Dan hu riferiment għall-preżenza tar-rħieb fid-diversi monasteri ta' din il-Knisja-Abbazija li kienu waqqfu Melanja l-Kbira u Melanja ż-Żgħira fuq l-Għolja taż-Żebbuġ fis-sekli 3 u 5.


*Skultura Kruċjata fl-Edikola tal-Axxensjoni bis-simbolu tal-Pelikan*



*Wieħed mill-kapitelli Kruċjati tal-Edikola tal-Axxensjoni*

Ġwann ta' Würzburg, fis-sena 1165, jitkellem minn "Knisja kbira, li fin-nofs hi miftuħa lejn is-sema (*magno foramine quodam aperto*) u li tfakkar l-Axxensjoni." Jidher li l-Knisja kellha *oculus* (fetħa kbira tonda) bħal fil-każ tal-*Anástasis* tal-Qabar ta' Kristu. Deskrizzjoni aktar dettaljata jagħthielna l-pellegrin Ġermaniż Theodoric fis-sena 1172, li jgħidilna li l-Knisja kienet iddedikata lis-Salvatur, u li wieħed kien jidħol fiha wara li jitla' għoxrin tarġa:

"Fuq kollox, fin-nofs tal-Knisja hemm edikola tonda li hi mżejna b'mod eleganti bl-irħam u li għandha kanopew bil-volta (*ciborio*) li jogħla qisu kuruna. Fiċ-ċentru hemm altar venerat, u taħtu wieħed jista' jara l-ġebla li minn fuqha l-Mulej tela' s-sema. Fil-Knisja l-kanoniċi jiċċelebraw l-uffiċċji divini. Il-Knisja nnifisha hi fortifikata b'mod qawwi kontra l-Pagani (*gentiles*) u għandha torrijiet kbar u żgħar, u swar ħerġin 'il barra (*propugnaculis*) u bil-lejl hemm l-għassiesa jħarsuha."

Dawn il-fortifikazzjonijiet kienu jħarsu l-Knisja tal-Axxensjoni mill-attakki tal-Musulmani. Theodoric jurina li l-Knisja kienet uffiċjata mill-Kanoniċi Regulari ta' Santu Wistin u li kienet Abbazija taħt it-tmexxija ta' Abbati. L-*Abbé*

*de Mont Olivete* kellu d-dinjità ta' isqof suffragan, u kellu d-dritt li jilbes il-mitra, is-salib u ċ-ċurkett. Kien hemm relazzjoni kontinwa bejn il-Kanoniċi Regulari Agostinjani li kienu responsabbli mill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, mill-Knisja ta' *Hagia Sion*, mill-Knisja tal-Axxensjoni u mill-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem fi żmien il-Kruċjati.

Fis-seklu12, fl-era Kruċjata, l-Knisja tal-Axxensjoni kellha parti importanti fil-liturġija ta' Ġerusalemm. Nhar Ħadd il-Palm il-Prijur kien jakkumpanja lill-Patrijarka, lill-Prijur tal-Għolja ta' Sijon u lill-Abbati ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat, lejn Betanja għall-bidu tal-purċissjoni tal-palm. Nhar l-Axxensjoni l-Patrijarka kien imexxi purċissjoni minn din il-Knisja lejn il-Knisja tal-*Pater Noster*, li tinsab fil-qrib. Il-ktieb taċ-ċerimonji tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu jgħid li l-purċissjoni kienet issir madwar il-Knisja tal-Axxensjoni (*circa ecclesiam Dominice Ascensionis*), tradizzjoni tipika fl-Art Imqaddsa, li għadha mħarsa sal-lum.

## L-istorja tal-Knisja tal-Axxensjoni wara l-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm

Fl-1187, wara li Saladin keċċa lill-Kruċjati minn Ġerusalemm, il-Knisja u l-monasteru tal-Axxensjoni ġew abbandunati mil-Latini. Il-kanoniċi u l-irħieb imbagħad marru joqogħdu f'Akri fl-1191, meta din saret il-kapitali tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm. L-istoriku Mujir al-Dīn jikteb li, fuq l-Għolja taż-Żebbuġ Saladin ħoloq *waqf* (istituzzjoni reliġjuża Musulmana bi proprjetà fuq Post Qaddis) favur ix-xejikki al-Salīh Walī al-Dīn u Abū Hasan al-Hakāri u l-eredi tagħhom nhar l-20 ta' Ottubru 1188. Jidher, iżda, li l-Kristjani lokali komplew imorru jitolbu fil-Post tal-Axxensjoni, almenu minn dak li jidher f'deskrizzjoni tal-Knisja Griega fl-era ta' wara l-Kruċjati.

Fl-1205 l-Abbati Ċisterċensi Martin tal-Abbazija ta' Pairis (Basel) kien ġab minn Kostantinopli relikwa tal-Post tal-Axxensjoni. Fl-1211-12 Willibrand ta' Oldenburg jikteb li l-monasteru maġenb il-Knisja tal-Axxensjoni kien meqrud, u li l-Musulmani kienu għamlu Moskea floku. Imma meta fl-1229 l-Imperatur Federiku II għamel trattat ta' waqfien mill-ġlied mas-Sultan tal-Eġittu al-Malīk al-Kamīl u ma' ħuh Mu'azzam Isa, u Ġerusalemm reġgħet ġiet f'idejn Kristjani, il-Patrijarka Giroldo ħatar lill-Abbati tal-Għolja taż-Żebbuġ bħala rappreżentant tiegħu. Minkejja dan kollu l-Knisja u l-monasteru tal-Axxensjoni jidhru li baqgħu *waqf* Musulman, għax kienu jinsabu barra mill-Belt.

Jidher li l-Knisja tal-Axxensjoni ma ġietx kompletament meqruda fl-1187, għax lejn tmiem is-seklu 13 Burchard tal-Għolja ta' Sijon, fl-1283, jikteb:

"Fil-quċċata hemm il-Post li fih il-Mulej tela' s-sema u hemmhekk hemm Knisja. Il-Post jinsab fin-nofs tagħha, fi spazju kbir biżżejjed li minnu Hu tela' li jinsab mikxuf biex kulħadd jista' jarah. Tassew li l-ġebla li fuqha Hu kien jinsab meta tela' s-sema u li fuqha ħalla l-marka tar-riġlejn, tqiegħdet hemmhekk bħala tifkira. Il-blata tinsab hekk imqiegħda li kulħadd jista' faċilment idaħħal idu u jmiss il-marki tar-riġlejn, imma ma jistax jarahom."

Fl-1335 Giacomo ta' Verona ra l-Knisja li jiddiskreviha bħala sabiħa, u jgħid li hemm volta f'nofs il-Knisja li fiha toqba kbira miftuħa lejn is-sema. Il-Franġiskan Nicolò di Poggibonsi, li żar l-Art Imqaddsa fl-1346-50, jikteb hekk dwar din il-Knisja:

"Meta titla' t-taraġ (12-il tarġa), issib loġġa quddiem il-bieb tal-Knisja; hemmhekk wieħed irid iħallas nofs drakma biex

ikun jista' jidħol għall-ewwel darba. Il-bieb hu forma ta' ark u jħares lejn il-punent. Minn ġewwa l-Knisja għandha forma tonda, u hi mżejna b'kolonni sbieħ tar-rħam. Fin-nofs hemm fetħa kbira fil-għoli. Fil-Knisja kollox hu mpitter u maħdum bl-iskultura. Fin-nofs tal-Knisja, eżatt taħt il-fetħa fil-għoli, hemm kappella tonda sabiħa, li fiha sittax-il kolonna u bi tmien kantunieri: kull anglu ta' kantuniera għandu żewġ kolonni, tnejn fuq kull naħa. Il-kappella għandha żewġ bibien, wieħed iħares lejn il-punent, minn fejn tista' tidħol, u l-ieħor, imblukkat, iħares lejn il-lvant. Fuq il-koppletta, fil-quċċata tagħha, l-kappella għandha ballun tal-ġebel (*un pome di pietra*). Il-kappella hi pavimentata b'irħam minn ġewwa u hi 10 piedi wiesgħa fuq kull naħa. Fin-nofs tagħha hemm lastra tar-rħam, li fiha marki li jixbhu dawk ta' żewġ riġlejn ħafjin. Minn fuqha Ġesù Kristu tela' fuq ġebla oħra ħamranija li tinsab barra mill-istess kappella; kien minn fuq dik il-ġebla li Ġesù Kristu tela' fil-għoli bil-qawwa tal-Missier, fil-preżenza tal-Appostli. Hemm indulġenza plenarja meta tidħol f'din il-kappella. Tassew din il-Knisja kienet qabel ir-residenza ta' isqof, u hemmhekk kienu joqogħdu rħieb, u l-monasteru tagħhom kien tassew sabiħ. Illum hemmhekk joqogħdu s-Saraċini" (*Libro d'Oltremare*, 46-47).

Fis-seklu 14 insibu kittieba li jikkonfermaw li partijiet mill-volta tal-Knisja kienu għadhom weqfin. Felix Faber jikteb li l-Knisja kienet "kbira, imma nofsha mġarrfa." Interessanti li jsemmi l-Edikola tal-Axxensjoni u jqabbilha mal-Edikola tal-Qabar ta' Kristu: "Is-saqaf għandu fetħa magħmula apposta, li taħtha hemm il-kappella tal-Axxensjoni tal-Mulej, li tixbah il-kappella tal-Qabar ta' Kristu." Faber jinfurmana wkoll li l-Musulmani neżżgħu l-Knisja mir-rħamijiet u tiżjin tagħha, imma ħallew intatta l-Edikola billi huma wkoll jirrispettaw il-marki tar-riġlejn tal-Mulej.

Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa, Patri Francesco Suriano, fl-1480 jiddeskrivi l-Knisja u juri li kienet għadha wieqfa f'bosta partijiet tagħha. Hu jiddeskrivi ċ-ċerimonji li kienu jsiru hemmhekk f'jum l-Axxensjoni, għad li jgħid li l-kura tal-Knisja kienet imħollija f'idejn Musulman minn Ġerusalemm. Jgħid ukoll li l-Franġiskani kellhom il-muftieħ tal-Post.

Ma nafux meta ġġarrfet il-volta tal-Knisja. X'aktarx li dan ġara bil-mod il-mod. Nafu li l-ewwel ma ġġarrfet kienet il-parti tal-lvant, u li mbagħad il-Musulmani ħattew il-koppla ċentrali u l-ambulatorju. Jidher li sal-1530 is-soqfa kienu kollha tħattew, u li l-Knisja kienet għoddha mġarrfa ħlief għall-Kappella jew Edikola tal-Axxensjoni fin-nofs. Il-Franġiskani kellhom il-muftieħ tagħha. Il-Kustodju Bonifacio ta' Ragusa (Dubrovnik) jikteb li l-Knisja u l-monasteru kienu mġarrfin, imma kien fadal biss il-kappella bil-marka tar-riġel tal-Mulej. Il-marka tar-riġel l-ieħor ittieħdet mill-Musulmani fil-Koppla tal-Blata. Nhar l-Axxensjoni l-Franġiskani kienu jitilgħu jiċċelebraw l-uffiċċji divini. Fil-bidu tas-seklu 17 Francesco Quaresmio wkoll jiddeskrivi l-Knisja:

"F'dak il-Post mill-aktar qaddis kienet inbniet Knisja kbira, u fiha kien hemm kappella. Imma mal-medda taż-żmien il-mibegħda tal-infidili neżżgħet il-Knisja mit-tagħmir tagħha, u din tinsab imġarrfa f'ħafna partijiet. Għad fadal biss il-ħitan tal-parti ta' isfel bi ftit bażi ta' kolonni u pedamenti, li minnhom wieħed jista' jifhem kemm kienet kbira u sabiħa din il-Knisja. Il-ħajt li jagħlaqha għandu forma ottagonali, u ġewwa hemm portiku li fih ordni wieħed imwieżen minn kolonni. Ġewwa hemm kappella, li fiha hemm il-marka tar-riġel tal-Mulej. Il-portiku, jew kolonni, li jogħlew sal-livell

tal-kappella juru li din kienet miftuħa għas-sema. Il-kappella hi intatta, tonda u magħluqa b'koppla."

Fil-fatt nafu li din il-koppletta fuq l-Edikola nbniet wara li Saladin ordna li l-Knisja ssir *waqf* Musulman. L-Edikola minn dejjem kienet miftuħa għas-sema. Quaresmio jkompli jgħidilna li l-Edikola hi pavimentata u li fiha twieqi żgħar li huma dejjem magħluqa, u li kellha bieb lejn il-punent u bieb imblukkat lejn il-lvant. Ma kellhiex altar, imma hemm fdalijiet ta' altari fil-Knisja l-kbira ottagonali li ddawwarha. Lejn in-nofsinhar tal-Edikola, maġenb il-blata li timmarka r-riġel tal-Mulej, il-Musulmani għamlu niċċa (*fornix*), jiġifieri *mihrāb*, biex jitolbu fid-direzzjoni tagħha. Jgħidilna wkoll li fl-1617 il-gvernatur ta' Ġerusalemm kien ordna li l-koppla tal-Edikola tiġi mkaħħla u li l-paviment tal-Knisja jiġi mnaddaf. Il-koppletta kienet iġġarrfet fit-terremot tat-13 ta' Mejju 1834, imma reġgħet inbniet mil-Latini, Griegi u Armeni.

Fl-1959 il-Franġiskani tal-i*Studium Biblicum Franciscanum*, taħt id-direzzjoni ta' Patri Virgilio Corbo, għamlu skavi fil-proprjretà tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa fuq ix-xlokk tal-Knisja. Dawn l-iskavi wrew li l-pedamenti tal-Knisja Biżantina fuq ix-xaqliba tax-xlokk, fejn il-muntanja tinżel 'l isfel, kienu jikkonsistu f'ħajt tond bid-dniefel biex iżommuh qawwi u li kienu jwieżnu soqfa troll fuqhom, biex hekk ikun hemm pjattaforma ċatta li fuqha nbniet il-Knisja Biżantina li jiddeskrivi Arculf.

## Il-Knisja tal-Axxensjoni kif tidher illum

Illum il-Knisja tal-Axxensjoni tidher x'aktarx kif jiddiskreviha Francesco Quaresmio. Il-pellegrini jistgħu jżuru liberament dan il-Post Qaddis, wara li jħallsu biljett tad-dħul lir-rappreżentanti tal-*waqf* Musulman li jamministraha.

*Dehra ta' Ġerusalemm mill-Għolja taż-Żebbuġ*



Qabel ma tidħol tinnota minaret tal-Moskea li hemm maġenb il-fdalijiet tal-Knisja. F'din il-binja hemm ukoll kripta interessanti, li fiha t-tradizzjoni Lhudija medjevali tal-1322 tqiegħed il-qabar tal-profetessa Ħulda, li tissemma fit-2 Ktieb tas-Slaten 22,14-20, bħala dik li ġiet ikkonsultata mir-Re Ġosija (640-609 q.K), wara li fit-Tempju nstabet il-kopja tal-Ktieb tad-Dewteronomju. Fil-fatt it-tradizzjoni mhijiex proprjament Lhudija, għax din il-kripta nżammet bħala l-qabar tal-profetessa Ħulda x'aktarx mill-Kristjani li sejħulha Santa Pelaġja, qaddisa eremita li għexet fuq l-Għolja taż-Żebuġ fil-5 seklu, u mill-Musulmani, li jsejħulha Rava'ad Aludayah, li kienet mara mistika Musulmana li għexet fis-seklu 7. Sal-lum f'din il-kripta, li trid tinżel fiha biss wara li titlob permess mill-familja li tħares il-Moskea, hemm sarkofagu mgħotti b'faldrappa, li jimmarka l-qabar ta' din il-mara misterjuża, imma li b'xi mod hi venerata mit-tliet reliġjonijiet monoteisti preżenti fl-Art Imqaddsa. Il-kripta tidher li hi Biżantina, imma ħafna jaħsbu li hi aktar tardiva, u żżomm tradizzjoni li ma tmurx aktar lura mill-era Kruċjata.

Biex tasal fil-Knisja mġarrfa tal-Axxensjoni, tidħol minn bieb dejjaq u ssib ruħek fil-fdalijiet tal-Knisja. Għadhom jidhru l-bażi tal-kolonni mqabbdin mal-ħajt ottagonali baxx li fadal mill-Knisja tal-era Kruċjata. Mill-bqija ma fadal xejn, ħlief xi altari mqabbdin mal-ħajt li jservu għal ċelebrazzjonijiet tal-Knejjes Orjentali fil-festa tal-Axxensjoni. Fiċ-ċentru tal-Knisja mġarrfa hemm l-Edikola Kruċjata, li hi kapolavur ta' arkitettura, u li fortunatament għadha wieqfa kif kienet fi żmien il-Kruċjati, għalkemm, kif għidna, wara li Saladni ddikjara dan il-Post bħala *waqf* Musulman, inbniet koppla fuqha fuq l-istil Islamiku. Wieħed jinnota l-ġmiel tal-kapitelli Kruċjati tal-kolonni, kull waħda differenti mill-oħra, u li fihom simboli Kristjani tipiċi tal-arti Kruċjata.

Minn ġewwa l-Edikola hi mneżżgħa' għal kollox, ħlief għall-blata li timmarka r-riġel ta' Ġesù, imdawra minn xoffa tar-rħam, u lejn in-nofsinhar tagħha l-*mihrāb* għat-talb tal-Musulmani.

Ta' kull sena l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa jiċċelebraw is-solennità tal-Axxensjoni fil-fdalijiet ta' din il-Knisja. Fil-fatt huma waħedhom għandhom id-dritt li jinsab fir-regoli tal-i*Status Quo*, li jiċċelebraw l-uffiċċji divini ġewwa l-Edikola. Il-komunitajiet Kristjani l-oħrajn, il-Griegi Ortodossi, l-Armeni Ortodossi, is-Sirjani u l-Kopti Ortodossi, meta jitilgħu biex jiċċelebraw l-Axxensjoni fil-jum indikat fil-Kalendarju Ġuljan (li hu differenti minn dak Gregorjan segwit mill-Kattoliċi), jiċċelebraw l-uffiċċji tagħhom fuq l-altari li hemm mal-ħajt ottagonali barra l-Edikola, kulħadd fuq l-altar tiegħu.

Lejlet l-Axxensjoni, li fl-Art Imqaddsa għadha tiġi ċċelebrata fil-jum tagħha, il-Ħamis li jimmarka 40 jum fuq l-Għid il-Kbir, il-Vigarju Kustodjali, li hu ċ-ċelebrant ewlieni ta' din il-festa, jasal wara nofs in-nhar mal-patrijiet mill-kunvent ta' San Salvatur. Wara l-ingress bil-kant tat-*Te Deum*, ġewwa l-Edikola l-Franġiskani jkantaw l-I Għasar tas-solennità u wara jagħmlu purċissjoni li ddur tliet darbiet madwar l-Edikola bil-kant tal-Litaniji tal-Qaddisin. Sadanittant, fiż-żona madwar l-Edikola jintramaw xi tined kbar, waħda biex isservi ta' sagristija, waħda biex fiha jistrieħu l-patrijet li jkunu għassa matul il-lejl u jiċċelebraw il-liturġija, u waħda biex fiha l-patrijiet u l-pellegrini jkunu jistgħu jieklu u jixorbu fis-sigħat li jkunu preżenti fuq l-Għolja taż-Żebbuġ.

Tard filgħaxija l-Franġiskani jkantaw l-Uffiċċju tal-

Qari bil-Vġili tas-solennità tal-Axxensjoni, u f'nofs il-lejl jibda l-Quddies fl-Edikola u fuq altari oħrajn imqabbdin mal-Edikola fuq barra. Dan il-Quddies jibqa' għaddej il-lejl kollu u jsir minn bosta gruppi ta' Kristjani tal-Art Imqaddsa, li jiġu saħansitra mill-Galilija, u minn gruppi oħrajn ta' pellegrini. Filgħodu kmieni mbagħad issir il-Quddiesa bl-Għarbi mill-kappillan tal-parroċċa ta' San Salvatur, u mbagħad il-Vigarju Kustodjali jmexxi l-Quddiesa solenni tal-festa ġewwa l-Edikola. Wara l-Quddiesa l-patrijiet jirritornaw fil-kunvent ta' San Salvatur u l-ħaddiema jniżżlu t-tined li jkunu tellgħu għal min jieħu sehem f'din il-festa.

Meta l-Għid il-Kbir tal-Kattoliċi u l-Ortodossi jaħbat fl-istess ġurnata, u allura anke l-Axxensjoni tiġi ċċelebrata flimkien, il-bosta komunitajiet jaqsmu l-ispazju kollu estern tar-reċint li jimmarka l-post fejn kienet il-Knisja. Il-Franġiskani jistgħu jokkupaw l-Edikola u l-ispazju ta' quddiemha, filwaqt li l-Ortodossi jkollhom xi tined fuq wara tal-Edikola, li taħthom jiċċelebraw il-liturġiji tagħhom.

Il-Griegi Ortodossi, kif għidna, għandhom ukoll proprjetà tagħhom barra din il-Knisja, fil-post imsejjaħ *Viri Galilæi*, fejn huma mħarsa ż-żewġ kolonni li jissimboleġġaw l-anġli li dehru lill-Appostli. Minn dan il-post wieħed jilmaħ dehra stupenda tal-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm u jifhem b'mod viżiv dak li naqraw fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli 1,9-11:

"Wara li qal dan, huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq, u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom. Waqt li kienu b'għajnejhom fis-sema jħarsu lejh sejjer, f'daqqa waħda dehru ħdejhom żewġt irġiel libsin l-abjad, u qalulhom: «Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù, li kien meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer.»"

## Riferenzi

Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume III. *The City of Jerusalem*, Cambridge University Press 2007, 72-88.



# L-ITTRA TA' SAN ĠAKBU (3)

*Fr Charles Buttigieg*

*"Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet jinħafrulu" (Ġakbu 5:14-15)*

## Teoloġija Biblika: Il-Foqra, il-Magħżulin ta' Alla

Skont M. Dibelius (studjuż ta' San Ġakbu), l-ittra ta' San Ġakbu hija dwar il-pjeta' tal-faqar. L-ittra ta' San Ġakbu kontinwament tirreferi għaż-żewġ klassi ekonomiċi: il-għonja ('ho plousios') u l-foqra ('ho ptochos') kif naraw f'1:9-11; 2:2-6; u 5:1-3: "Ejjew issa, intom l-għonja, ibku u ixhru fuq l-għawġ li ġej fuqkom! Ġidkom tħassar, ħwejjiġkom kilithomlkom il-kamla. Id-deheb u l-fidda tagħkom rabbew is-sadid, u s-sadid tagħkom għad jixhed kontra tagħkom u jiklilkom ġisimkom bħan-nar. Ħżintu l-ġid fl-aħħar jiem!". Din id-dikotomija soċjali kienet teżisti ukoll fost l-insara tal-bidu. Din il-problema mhux biss tidher hawnhekk, imma narawha f'Galatin 2:9-10; 2 Korintin 8:9; Rumani 15:22-29; Atti 2:44-45; 5:1-11; u 11:29, fejn naraw il-komunita' ta' Ġerusalemm bħala waħda fqira u li kellha bżonn l-għajnuna. Alla jagħżel ('Theos ekzelezato') lill-foqra biex ikunu sinjuri fil-fidi ('plousious en pistei', ara ukoll Efesin 2:4) u werrieta tas-saltna ('kleronomous tes basileias'), bħala l-premju eskatoloġiku (ara Isaija 60:21 u Mattew 25:34: "Imbagħad is-Sultan jgħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja"). Naraw li xi uħud mill-għonja nsara kienu jwettqu diskriminazzjonijiet mal-foqra (2:1-4; 3:13-16; 4:13-16; u 5:4-6) u għalhekk is-sofferenza tal-foqra. Il-foqra kienu għalhekk isibu l-faraġġ tagħhom fil-Mulej: "Ara, il-ħlas tal-ħaddiema li ħasdu l-għelieqi tagħkom - ħlas li intom żammejtuhulhom bil-qerq - qiegħed jgħajjat kontra tagħkom, u l-biki ta' dawk li ħasdu wasal f'widnejn il-Mulej tal-eżerċti" (5:4).

Fl-ebrajk insibu diversi kliem li jfissru l-kelma 'faqar', fost dawn insibu: 'ebhyon', 'dal', 'rush', u 'chelekhah'. Fil-grieg insibu bħalma rajna l-kelma 'ptochoi' għall-foqra. Insibu ukoll kelma griega oħra 'penthe' li kienu foqra imma li kienu jgawdu xi drittijiet waqt li l-'ptochoi' ma kellhom l-ebda drittijiet billi kienu meqjusa bħala 'xejn'. Insibu ukoll fl-ebrajk il-kelma 'anaw', plural 'anawim', li ġejja mill-verb 'anah', li jfisser 'tgħawweġ 'l isfel' jew 'titgħawweġ', għaliex dawk li huma fqar u batuti minħabba s-sewwa huma tassew qaddejja umli ta' Alla, jitbaxxew quddiem il-kobor ta' Alla (ara Numri 12:3). Għalhekk l-'anawim' huma dawk il-fqar li jbatu u jitolbu b'qalb umli, u huma msejħa fl-Antik Testment bħala 'il-foqra ta' Jahweh': "il-fqir jidher bħala l-ħabib u l-qaddej ta' Jahweh" (Salm 86:1). Il-foqra huma fuq kollox in-nies li jobdu l-liġi ta' Mose', ġusti u qaddsin. L-idea kienet mela li l-għani mhux inklinat li jirrikorri għand Alla għax ma jonqsu xejn, waqt li l-fqir maħqur iħares lejn Alla. Huma dawk li jħarsu lejn Alla ('dorshe Elohim').

Ta' min isemmi li t-terminu għall-faqar 'ani' hu l-aktar





frekwenti fl-Antik Testment fejn insibuh 92 darba, l-aktar fis-salmi (41 darba). Il-kelma 'anawim' insibuha 21 darba u 'anaw' 19-il darba fl-Antik Testment. 'Ebjon' insibuh 62 darba, fejn għal 23 darba jinsab fis-salmi (plural: 'ebyonim', mill-verb 'bn li tfisser 'tixtieq'), 'dal' 48 darba, u 'rush' insibuh 21 darba fl-A.T. B'rabta mal-faqar fl-ebrajk insibu ukoll il-kelma 'yatob' li tfisser 'ma għandux saħħa f'siequ' bħalma għandna fil-malti bil-kelma 'magħtub' ; waqt li l-kelma 'dal' tindika 'sieq imdendla', kif ukoll il-kelma ebrajka 'asirim' li tfisser 'imjassrin'. Naraw fuq kollox il-faqar bħala konsegwenza tal-inġustizzja li ssir minn min hu sinjur u għalhekk il-Kodiċi tal-Alleanza (Eżodu 20:22-23:33) jagħmel minn kollox biex jiddefendi u jaqbeż għall-batut (ara ukoll Salm 73; Ġob 21 u Malakija 3). Figura tal-faqar u tal-miżerja kienet l-armla (bl-ebrajk: 'almanah'; bl-akkadiku: 'almattu'; bis-sumeru: 'numunkus' li tfisser 'dik li ma għandhiex serħan'). L-armla bit-tfal li kienet ħafna fil-bżonn, kienet tispiċċa tittallab. Min-naħa l-oħra l-armla bla tfal kienet f'posizzjoni aħjar għaliex hu r-raġel kien jiżżewwiġha biex inissel ulied għal ħuh il-mejjet, f'dik li kienet tissejjaħ il-liġi tal-levirat. Fuq kollox kien hemm taxxi għoljin, bħal taxxi reliġjużi li kienu jammontaw għal 22 fil-mija inkluż it-taxxa annwali tat-tempju ('shekalim') u t-taxxi lir-Rumani li kienu jammontaw għal iktar minn 40 fil-mija. Fil-ħakma tas-Selewki kien hemm it-taxxa tal-art (tributum soli) li kienet tammonta għal 33 fil-mija tal-qamħ u 50 fil-mija tal-frott miġbur. Il-bdiewa kienu jħallsu taxxa oħra msejħa 'tributum capitis' – għal kull ras (poll tax).

L-għażla tal-poplu Lhudi ġej mill-fatt li Alla ħenn għal dan il-poplu li kien imjassar fl-Eġittu: "Għax qatt ma jonqos xi ħadd fil-bżonn fil-pajjiż; għalhekk jien nordnalek u ngħidlek: Iftaħ idejk sewwa lil ħuk, lill-fqir u lill-miskin f'artek." (Dewt 15:11, ara ukoll Eżodu 3:8). Iżda din it-tama tal-Mulej fl-Eġittu, tmur lura fiż-żmien meta qabel Alla kien għamel bosta pattijiet mal-Patrijarki: Abraħam, Iżakk u Ġakobb kif naqraw f'Rumani 4:18: «Meta ma kellu ebda tama, Abraħam ittama u emmen, u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus, skont ma kien intqal lilu». L-istorja ta' Ġużeppi tal-Antik Testment, hija ukoll ikona ta' dan il-faqar tal-Mulej. Ġużeppi mibjugħ minn ħutu, jispiċċa fil-faqar tal-ħabs tal-Farun, jinterpreta l-ħolm, isir viċi-re ta' l-Eġittu u jsir tama għal ħutu meta dawn ġew biex jixtru l-qamħ minn għandu. Ħutu neħħewlu qabel it-

tama tal-ħajja libera u issa hu jagħtihom mill-ġdid it-tama għall-ħajja. Anke Mosè hu mudell ta' dan il-faqar tal-Mulej; il-bniedem li jtemtem sar tama għall-poplu ta' Israel: "Mosè kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art" (Numri 12:3).

Ikona oħra tal-bniedem b'qalb umli u fqir fl-ispirtu huwa Ġob, il-bniedem sfortunat imma baqa' jittama f'Alla. Tama li narawha dejjem tidwi fil-messaġġ ta' Alla lill-poplu fuq kollox permezz tal-profeti. Insemmu l-esperjenza ta' Ġeremija ppersegwitat minn sħabu. Ġona li jsir tama għall-belt ta' Ninive. Il-profeta Isaija jwassal dan il-messaġġ tat-tama lill-fqajrin tal-Mulej: "u l-imsejknin jifirħu fil-Mulej, u l-fqajrin fost il-bnedmin jaqbżu bil-ferħ bil-Qaddis ta' Israel" (Isaija 29:19); u "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għaliex hu kkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin. Bgħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja. Inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej" (Isaija 61:1-2). Dan il-kliem jgħidu Ġesù nnifsu fis-sinagoga ta' Nażaret wara li qara din is-silta ta' Isaija kif naqraw f'Luqa 4:18. Infatti eżattament wara dan l-episodju Ġesù ħeles lil wieħed imxajtan u fejjaq omm il-mara ta' Pietru.

Is-salmi wkoll juruna dan l-aspett tat-tama tal-imsejken li trid turi fuq kollox l-ittra ta' San Ġakbu, fejn fost oħrajn insibu s-Salm 10:12: "Qum, Mulej! Erfa' idek, O Alla! La tinsihomx lill-imsejknin"; is-Salm 22:27: "Jieklu l-fqajrin u jixbgħu; ifaħħru l-Mulej dawk li jfittxuh"; u s-Salm 149:4: "Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa". Hawnhekk naraw li s-salm 10 huwa manifest tal-anawim, tal-fqar. F'dan is-salm insibu t-termini 'ebjonim' il-fqar; 'dal' l-oppress; 'naqi' l-innocenti; u 'jatom' l-orfanu.

Ġesù fil-ħajja tiegħu għażel il-faqar, iċċekken sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Ġesù twieled fqir, għex fqir, ħajja pubblika fil-faqar u miet ta' fqir, il-mewt tas-salib. Ġesù jitlob mis-segwaċi tiegħu ċaħda mill-affarijiet temporali biex jirċievu l-vera għana. Frażi ċara ħafna li turi lil Ġesu' jistieden sabiex ngħixu dan it-tip ta' faqar, hija meta Ġesù stess jgħid f'Mattew 11:29: "Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom". Dan il-kliem Ġesù qalu, wara li xi dixxipli ta' Ġwanni l-Battista li kien fil-ħabs bdew isaqsu dwar Ġesù kif insibu f'Mattew 11:5 u Luqa 7:18-23: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija".

Il-predikazzjoni u l-mirakli ta' Ġesù huma mela marbuta ma' dan l-aspett tat-tama: «Bigħu ġidkom u agħtuh karita`, u fittxu għalikom infuskom boroż li ma jitmermrux, teżor li ma jiġix nieqes fis-sema…» (Luqa 12:33); «mur, biegħ li għandek u agħtih lill-foqra» (Luqa 18:22); "X'ħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom għax kien qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad igħallimhom ħafna ħwejjeġ" (Mark 6:34). Id-dixxiplu fuq kollox għandu jgħix dan il-faqar (ara Luqa 14:33 u Numri 18:20).

Ma ninsewx imbagħad id-diskors tal-Muntanja li hemm ukoll riferenza għalih fl-ittra ta' Ġakbu: «Imberkin dawk li huma foqra f›qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet» (Mattew 5:3). L-idea ta' San Mattew hi li dawn in-nies iħarsu lejn Alla għax m'hemmx il-ġid li jtellifhom: "Imberkin dawk li qalbhom ħelwa, għax jiksbu l-art" (Mattew 5:5). Min hu fqir f'qalbu pero` għandu garanzija li ser ikun mal-

Mulej dejjem: “Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw lil Alla” (Mattew 5:8). Anke l-kantiku tal-Madonna, il-Magnificat b’rabta mal-kantiku ta’ Anna, omm Samwel tal-Antik Testment (ara 1 Sam 2:1-10) isemmi l-qaddejja foqra (‘tapeinosis’) ta’ Alla.

Fl-ittra ta’ Ġakbu mela hemm kundanna ċara kontra l-għana u s-sinjuri fost l-insara u għalhekk dan il-kuntest soċjali u ekonomiku jifforma ‘is-Sitz im Leben’ tal-ittra. L-għonja huma mwissija dwar il-konsegwenzi negattivi jekk huma ma jurux ħniena ma’ min hu fqir u batut; waqt li l-foqra jirċievu eżortazzjonijiet ta’ tama u kuraġġ. L-għonja li jaħqru (‘katadunasteuo’), jippersegwitaw (‘elko’) u joffendu (‘blasphemeo’, iweġġgħu r-reputazzjoni) lil Alla bl-għemejjel inġusti tagħhom fil-konfront tal-foqra. Naraw ħaddiema li ma tħallsux minħabba l-frodi u b’serq (‘ho apesteremenos’, ara Ġakbu 5:4, ara Levitiku 19:13; Dewt 24:14 u Malakija 3:5), ħaddiema li suppost jitħallsu (‘misthos’) kuljum fl-aħħar tax-xogħol ħalli jkollhom il-ħobż ta’ kuljum u dan jirrifletti l-inġustizzji tas-sistema tal-‘clientela’ - il-bidwi, l-amministatur u s-sinjur. Min iħaddem għandu jaġixxi b’mod ġust lejn il-ħaddiema tiegħu: “Bniedem, huwa wriek x’inhu tajjeb u x’jistenna minnek il-Mulej: li tagħmel dak li hu ġust, li tħobb u tkun ħanin, u li tkun umli fl-imġiba tiegħek ma’ Alla tiegħek” (Mikeja 6:8).

F’Ġakbu 1:9-11 naraw lil Alla jgħolli (‘hupsei’) lid-dgħajfa (‘ho tapeinos’) u jbaxxi (‘tapeinosei’) lis-sinjuri (‘ho plousios’), bl-Ingliż ‘lowering-exaltation’ u bil-Ġermaniż ‘Erniedrigung-erhohung’. Dan żgur iseħħ fil-ġudizzju li jista’ jkun fil-qrib kif naraw f’5:7 “L-aħwa, stabru, sa ma jasal il-Mulej. Ara, il-bidwi joqgħod b’sabar kbir jistenna l-frott għażiż tal-art, sa ma jieħu x-xita bikrija u mwaħħra”. Ġakbu jħabbar tama ġdida (dik li J. Thomas isejħilha ‘eschatologische vortfreude, ‘anticipated joy’) lill-foqra u kundanna lill-għonja. F’2:1-9 ikompli juri l-interess tiegħu lejn il-fqir u l-batut u kundanna mill-ġdid lill-għonja. Huwa jitkellem dwar l-importanza tas-solidarjeta’ fil-komunita’ u jikkundanna kull forma ta’ egoiżmu. Għal San Ġabku l-foqra ta’ din id-dinja (‘ptochous to kosmo’, waqt li f’San Mattew għandna ‘hoi ptochoi to pneumati’) huma l-magħżula (‘ekseleksato)’ tas-Saltna ta’ Alla kif insibu f’2:5:“Isimgħu, ħuti għeżież: mhux Alla kien li għażel lill-foqra għad-dinja biex jistagħnew fil-fidi u jsiru werrieta tas-Saltna li hu wiegħed lil dawk li jħobbuh?”; għad-differenza tal-aristokratiċi fis-soċjeta’ Rumana tal-komunita’ Ġakobina. Il-foqra għandhom jagħżlu lil Alla u mhux id-dinja (‘kosmos’). Rigward dan fil-vanġelu ta’ San Tumas, logion 56 naqraw: “Whoever has come to know the world has discovered a carcass, and whoever has discovered a carcass, of that person the world is not worthy”.

Hawnhekk nistgħu naraw ukoll allużjoni għal Mattew 5:3 u Luqa 6:20b fil-beatudnijiet, fejn Ġakbu hawnhekk hu iktar qrib ta’ Luqa (‘makarioi oi ptochoi oti auton estin e basileia tou Theou’, “Henjin intom il-foqra, għax tagħkom hija s-Saltna ta’ Alla” – Luqa 6:20b). Fil-fatt il-kelma ‘makarios’ insibuha tliet darbiet f’San Ġakbu b’rabta mal-foqra f’1:12; 1:25 u 5:11. Hawnhekk naraw xebh ta’ Ġakbu 1:2 ma’ Mattew 5:10-12; Ġakbu 1:4 ma’ Mattew 5:48; 1:5 ma’ Mattew 7:7; Ġakbu 1:6 ma’ Mattew 21:21-22; Ġakbu 1:19-20 ma’ Mattew 5:22; Ġakbu 1:22 ma’ Mattew 7:20-27; Ġakbu 2:5 ma’ Mattew 5:3; Ġakbu 2:8 ma’ Mattew 22:39; Ġakbu 2:10 ma’ Mattew 5:19; Ġakbu 2:12 ma’ Mattew 5:7; Ġakbu 2:13 ma’ Mattew 5:7; Ġakbu 2:14 ma’ Mattew 7:21; Ġakbu 3:1 ma’ Mattew 23:8; Ġakbu 3:2-10 ma’ Mattew 12:36-37; Ġakbu 3:12 ma’ Mattew 7:16; Ġakbu 3:2-12 ma’ Mattew 12:36; Ġakbu 3:18 ma’ Mattew 5:9; Ġakbu 4:4 ma’ Mattew 6:24; Ġakbu

4:10 ma' Mattew 5:5 u 23:12; Ġakbu 4:11-12 ma' Mattew 7:1; Ġakbu 5:2-3 ma' Mattew 6:19-20; Ġakbu 5:7-8 ma' Mattew 24:13; Ġakbu 5:9 ma' Mattew 7:1 u 24:33; Ġakbu 5:10 ma' Mattew 5:12; u Ġakbu 5:12 ma' Mattew 5:34-37 (ara hawnhekk ix-xebh ma' 2 Enok 49:1). Hemm ukoll xebh ta' Ġakbu 1:1 ma' Mattew 6:20; Ġakbu 1:17 ma' Mattew 7:11; Ġakbu 2:13 ma' Mattew 6:15; Ġakbu 4:10 ma' Mattew 23:12; u Ġakbu 5:1 ma' Luqa 6:24-25.

Bħalma diġa' rajna, Alla ukoll għażel lil Israel fl-A.T. kif naraw f'Dewt 4:37; 7:7 u 14:2. Alla li jagħżel ukoll lill-fqir kif naraw f'Dewt 16:3 u 26:7 u hekk naraw f'San Ġakbu li l-foqra huma l-magħżulin ta' Alla. F'Ġakbu 5:1-6 ikompli jikkundanna bl-aħrax lis-sinjuri li jibdew jibku ('klausate') u jgħajtu ('ololuzontes'), dan l-aħħar verb jinsab hawnhekk biss (hapax legomenon) fil-Ġdid Testment, iżda fil-ktieb ta' Isaija jinsab 13-il darba mill-21 darba li jinsab fis-LXX.  L-ideja



li l-għonja huma midinbin u li l-għana tagħhom qed tinqered insibuha ukoll f'1 Enok 94:8-9: "You have not remembered the Most High in the Days of your riches: you have commmitted blasphemy and unrighteousness"; u kif naraw ukoll f'1 Enok 97:8-10. Ġakbu 5:1-6 għandu xebh ma' Mattew 6:19-21; Luqa 12:33-34 u Apokalissi 3:17. Jikkundanna bil-frażi 'age nun' fuq kollox l-inġustizzji mal-fqir li ma jitħallatx tax-xogħol tiegħu u dan kontra dak li jgħidilna Levitiku 19:13.

Għal Ġakbu l-foqra huma tassew werrieta ('epengeilato') tas-saltna ta' Alla: 'ho Theos ekseleksato tous ptochous'. Il-foqra huma magħżula minn Alla bħalma Alla għazel lil Abraħam f'Ġenesi u lil Israel (ara Dewt 4:37). L-ittra lil Diognetu f'10:5 tgħid: "To be happy does not, indeed, consist in lording it ('kadadunasteuo') over one's neighbours, or in longing to have some advantage over the weaker ones, or in being rich and ordering one's inferior's about".

## Biblijografija


Alana, O.E., "A word with the rich (James 5:1-6) Part II", in *Verbum et Ecclesia* 24 (2003) 292-305.

Allison, D.C., "James through the centuries", in *American Theological Inquiry. A Biannual Journal of Theology, Culture and History* 7 (2014) 11-16.

Allison, D.C., *A Critical and Exegetical Commentary on the Epistle of James*, New York 2013.

Baker, W.R., "Christology in the Epistle of James", in *EvQ* 74 (2002) 47-58.

Batten, A.J., *What they are saying about the Letter of James?*, New York 2009.

Burchard, C., *Der Jakobusbrief*, HNT 15, Tubingen 2000.

Davids, P.H., "The Catholic Epistles as a canonical Janus: A New Testament glimpse into Old and New Testament Canon Formation", in *Bulletin for Biblical Research* 19 (2009) 403-416.

Edgar, D.H., "Has not God chosen the poor? The social setting of the Epistle of James", in *Journal for the New Testament Supplement Series* 206, Sheffield 2001.

Fabris, R., *Lettera di Giacomo: Introduzione, versione, commento*, Bologna 2004.

Hartin, P.J., *James, First Peter, Jude, Second Peter, New Collegeville Bible Commentary*, NT 10, The Liturgical Press 2006.

Hartin, P.J., "The Letter of James: Faith leads to action (the indicative leads to the imperative)", in *Word and World* 35 (2015) 222-230.

Holloway, G., "James as New Testament Wisdom Literature", in *Leaven* 8 (2000).

Johnson, L.T., *Brother of Jesus, Friend of God: Studies in the Letter of James*, Grand Rapids (MI) 2004.

Jovanovic, M., "Franz Mussner's interpretation of the Epistle of James and its impact on Jewish-Christian Dialogue", in *Unity and Dialogue* 75 (2020) 119-139.

Juguilon, A., "Orthodoxy, Orthopraxis, and orthokardia: a reflection on the Letter of James", in *Obsculta* 8 (2015) 83-93.

Kamell, M.J., "The implications of grace for the ethics of James", in *Biblica* 92 (2011) 274-287.

Kirk, J.A., "The meaning of Wisdom in James: Examination of a hypothesis", in *NTS* 16 (1969) 24.

Kloppenberg Verbin, J.S., "Patronage avoidance in James", in *HTS* 55 (1999) 755-785.

Laws, S., *The Epistle of James*, London 1980.

Lemaire, A., "Burial box of James the Brother of Jesus. Earliest Archaeological evidence of Jesus found in Jerusalem", in *Biblical Archaeology Review* 28 (2002) 24-70.

Lenski, R.C.H., *The Interpretation of the Epistle to the Hebrews and the Epistle of James*, Minneapolis 1966.

Llewelyn, S.R., "The Prescipt of James", in *NovT* 39 (1997) 385-393.

Lockyer, H., *All the Apostles of the Bible*, London 1972.

Lodge, J.G., "James and Paul at Cross-Purposes? James 2:22", in *Bib* 62 (1981) 195-213.

Macarthur, J.F., "Faith according to the Apostle James", in *JETS* 33 (1990) 13-34.

Mayor, J.B., *The Epistle of St. James. The Greek Text with Introduction Notes and Comments*, London 1910.

McLaren, J.S., "Ananus, James, and Earliest Christianity. Josephus' account of the death of James", in *JTS* 52 (2001) 1-25.

Meynet, R., *Trattato di Retorica Biblica*, Retorica Biblica 10, Bologna 2008.

Mitton, C.L., *James*, Grand Rapids (MI) 1966.

Moo, D.J., *The Letter of James*, Pillar New Testment Commentary, Grand Rapids (MI) 2000.

Mussner, F., *La lettera di Giacomo*, Brescia 1970.

Myllykoski, M., "James the Just in History and Tradition: perspectives of past and present scholarship (Part II)", in *Currents in Biblical Research* 6 (2007) 11-98.

Pavelcik, J., "Isaianic Variations in the Letter of James", in *Theologica* 9 (2019) 117-133.

Popkes, W., *Der Brief des Jakobus*, Leipzig 2001.

Van der Merwe, D.G., "The impact of the economic system on social and labour relations in the early church as revealed in the Letter of James", in *Verbum et Ecclesia* 33 (2012) 1-12.

Weaver, J.A., "The Heart of the Law: Love your neighbour (Jas 2:8-13)", in *Review & Expositor* 108 (2011) 445-446.

Witherington, B., *Letters and Homilies for Jewish Christians: A socio-rhetorical commentary on Hebrews, James, and Jude,* Downers Grove (IL) 2007.



# IL-PROFETA EŻEKJEL IL–QAWMIEN TAL-GĦADAM NIEXEF (EŻK 47, 1-12) (2)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Ix-xena tal-għadam niexef qoxqox li ra l-profeta Ezekjel, u li dawn bil-qawwa ta' l-ispirtu li għadda minn fuqhom, daħal fihom reġgħu ħadu l-ħajja, u waqfu fuq riġlejhom, hija waħda mill-aktar xeni suġġestivi li hemm fil-ktieb tal-profeta fuq imsemmi. Din ix-xena twassal sew, preċiż u f'ambjent ċar fejn kien u kemm kien qed ibati l-poplu magħżul ta' Alla, poplu f'minoranza kbira. Kien fl-eżilju iebes tal-Babilonja. Iżda fl-istess ħin dan il-poplu kien qed jistenna l-ħelsien, poplu li sakemm seta', u sakemm kienu iħalluh jagħmel u jipprattika twemminu, dan ipprattikah b'imħabba, rispett u b'fedeltà l-aktar kbira lejn it-Torah.

## L-aspett psikoloġiku tad-deportati.

L-ambjent enormi u n-nies kburin tal-Babilonja paragonati mal-poplu magħżul, li kien jgħix f'roqgħa art, kien hemm differenzi tassew bejniethom; differenzi ambjentali, soċjali u fuq kollox reliġjużi kbar tassew bejniethom. Dan il-poplu tal-Babilonja dejjem ftaħar ħafna biż-żewġ xmajjar enormi li għandu. L-Ewfrat u t-Tigris, xmajjar li jfawru ilma ħelu tassew. Israel kellu u għad għandu x-xmara Ġordan, tibda nieżla mill-muntanja Ħermon, tidħol fl-għadira tal-Galilija u tibqa' nieżla sserrep fejn tispiċċa fil-foss tal-Baħar il-Mejjet. Imma din ix-xmara paragunata maż-żewġ xmajjar enormi, żewġ xmajjar li jbattlu kwantitajiet enormi ta' ilma fil-baħar Persjan, kważi titlef is-sinikifat tagħha. Din ix-xmara twila biss 251 kilometru. Ilma ħelu iva imma mdardar ħafna.

Mhux hekk ix-xmara Ewfrate. Ibda biex din twila 2,800 kilometru. Din tibda mit-Turkija, taqsam is-Sirja u l-Iraq u tbattal fil-Gulf tal-Persja. Ix-xmara Tigris imbagħad li f'ċertu partijiet tal-Babilonja hija





kważi paralleli ma' seħbitha l-Ewfrate, hija wkoll ta' importanza kbira tassew. Din tibda minn muntnji fl-Armenja, taqsam ukoll is-Sirja, id-deżert tal-Għarabja u tbattal ukoll fil-Gulf tal-Persja. Twila 1,900 kilometru. Minn qatt jista' jimmaġina dan il-kobor ta' dawn iż-żewġ xmajjar maħluqin minn Alla?

Issa l-poplu Lhudi, l-poplu ta' Alla li kien jgħix f'art tnixxi ħalib u għasel (Num 14,8), sab ruħu f'din l-estremità hekk tal-waħx, estremità tal-biża' estremita pagana għal kollox! Art verament pagana għalih! Anke l-istess ilsien kien differenti minn ta' xulxin! Kif se jikkomunikaw bejniethom! Razza ta' nies qawwija, ta' nazzjon li f'dak iż-żmien partikulari kien iwerwer id-dinja kollha ta' żmienu. B'xorti tajba ħafna hemm salm li jolqot il-musmar preċiż fuq rasu u jiddeskrivi dan li qegħdin ngħidu: "F'xatt ix-xmajjar (innota plural, mela riferenza għal Ewfrate u t-Tigris) ta' Babilonja hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna, aħna u niftakru f'Sijon" (Sl 137,1). Il-verb "bilqiegħda" ifisser nies mitluqin, bla saħħa u ebda għan fil-ħajja, ċorma nies bla idea ta' xejn, sempliċement numru. Psikoloġikament aktar 'l isfel minn daqshekk ma setax jinżel dan il-poplu.

## Sitwazzoni reliġjuża.

Xejn anqas sabiħa kienet is-sitwazzjoni reliġjuża ta' dan il-poplu. Il-Lhud huwa l-poplu tal-ktieb: Dan għaliex mhux biss jaqra u jitlob bil-kotba tat-Testment il-Qadim, imma wkoll għaliex kull nhar ta' Sibt, kien jintasab fuq il-bankijiet tas-sinagoga fejn jisma', jitlob u jgħanni bil-kotba qaddisa tiegħu u bis-salmi. Issa fil-Babilonja, almenu l-ewwel snin ta ' l-eżilju minn dan kollu ma kellu xejn!

U l-istess nistgħu ngħidu kemm dwar il-ħarsien ta' jum is-Sibt, dwar it-tliet festi kbar tal-pellegrinaġġi lejn Ġerusalemm, dwar id-debħiet tiegħu fit-tempju ta' Ġerusalemm kif ukoll dwar l-għexur li huwa kien obbligat li jħallas lit-tempju. Issa minn dawn l-atti qaddisa, l-poplu ma kien għadu jipprattika assolutament xejn. Anqas

jekk ried jagħmel dan ma kien jitħalla, u li anqas ma kellu fejn. Verament kien jixbah lil dak l-għadam niexef qoxqox li ra l-profeta Eżekjel, għadam mixħut f'nofs ta' wied, deżolazzjoni kbira tassew.

## Is-sitwazzjoni tinbidel.

Dan il-poplu dam fl-eżilju ħamsin sena sħaħ: Mis-sena 586 sas-sena 536, meta issa il-ħakem Ċiru tal-Persna ħareġ l-editt tal-ħelsien ta' dan il-poplu. Huwa kollu għalhekk li l-profeta Iżaija jfaħħar u jgħolli tant lis-sultan Ċiru, għaliex issa mill-ġdid grazzi għalih "minn xahar għal xahar, u minn Sibt għal Sibt, kulħadd jiġi jinxteħet quddiemi" (Is 66,23).

Issa qabel l-editt ta' Ċiru, ifeġġ bħal balzmu fuq ferita li tat konfort kbir tassew; d-dehra mimlija kuraġġ tal-profeta Eżekjel. Fil-bidu l-istess profeta qalbu kienet tassew maqtuha, tant li meta l-Mulej staqsih jekk il-mejjet jistax iqum, il-profeta wieġeb: "Sidi Mulej, dan inti biss tafu". Però kien wasal iż-żmien tassew ta' bidla lil dak l-għadam u dan seħħ ukoll, għaliex Alla qallu hekk lil Eżekjel: Ħabbar lir-ruħ' u kompla "ejja ruħ, mill-erbat irjieħ tad-dinja u onfoħ fuq dawn il-mejtin, ħa jerġgħu jieħdu l-ħajja" (Eżk 37,9).



Iżda qabel ma seħħet din il-ġrajja fl-inħawi ta' dak il-wied fond, instema' "ħoss tant li l-għadam tqanqal u resqu lejn xulxin". Naturalment dan seta jsir bil-qawwa ta' l-Ispirtu li ħa lil Eżekjel f'dak il-wied u urieħ din ix-xena makabra.

F'paralleliżmu strett ħafna ma' din il-ġrajja tal-ħoss li nstema', hemm ukoll dik ta' nżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli u fuq dawk kollha li kienu qegħdin fil-għorfa ta' fuq (Atti 1,13). F'din il-ġrajja tal-Atti wkoll "ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi" (Atti 2,2). U dan il-ħoss msieħeb mar-riħ, kien il-kawża ta' bidla enormi u tat-twelid tal-Knisja b'mod uffiċjali u fil-beraħ.

## It-tifsira u effett ta' l-infiħ

It-tieni azzjoni tant sinifikattiva u li ħalliet effett kbir fuq dak l-għadam niexef kien l-infiħ ta' l-ispirtu. Qabel ma nkomplu nifirxu dan il-ħsieb, sewwa li naraw iż-żewġ paralleliżmi l-oħra fejn jidħol ukoll l-infiħ u l-bida li ġab miegħu.

Il-ġnien tal-Għeden: Alla kien għadu kemm sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art. Dan huwa kliem figurattiv biex wieħed jifhem il-fraġilità tal-ġisem. Imma

din l-opra tal-ħolqien kien għad jonqosha xi ħaġa oħra, forsi wkoll aktar important minn dik tal-bidu. Din l-opra kien tassew jonqosha n-nifs li mbagħad għamilha ħajja. "U nefaħlu f'imnifsejh nifs il-ħajja u l-bniedem sar ħlejqa ħajja" (Ġen 2,7). Mela issa hawn bniedem sħiħ, ruħ jiġifieri nifs u ġisem it-tajn ta' l-art.

Il-ġrajja l-oħra fejn din ukoll għandha x'taqsam ma' l-infiħ qiegħda fil-vanġelu ta' San Ġwann. L-appostli, ħdax fin-numru, kienu magħluqin fil-għorfa ta' fuq għax imbeżżgħa' mil-Lhud bil-bibien magħluqin. Kien il-Ħadd tal-qawmien filgħaxija, Ġesu qagħad f'nofshom u qalilhom u tahom il-paċi tiegħu. Kien l-ewwel rigal tal-Għid il-kbir. Imbagħad "nefaħ fuqhom u qalilhom, Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġw 20,22-23). U dan l-infiħ ta' Ġesù fuq l-appostli kien jissarraf f'qawwa straordinarja għal maħfra tad-dnubiet.

Issa niġu għall-infiħ li ġie mitlub biex isir fuq dawk l-għadam niexef qoxqox. Dak li deher verament impossibbli, sar possibbli, dak li għall-bniedem deher falliment sħiħ u totali, inbidel f'rebħa u kuraġġ. "Jien ħabbart kif ordnali, u r-ruħ daħlet fihom, u reġgħu ħadu l-ħajja, u waqfu fuq riġilhom, eżerċtu kbir fuq li kbir" (Eżk 37,10).

Dan qatt ħadd ma ħaseb li jista' jsir. Għal raġunament ta' din id-dinja kollox kien jidher impossibbli. Imma l-infiħ ta' l-ispirtu wassal biex dak il-għadam niexef, mormi, mejjet, mitluq waħdu jerġa' jieħu l-ħajja kif kien qatt qabel fil-art tiegħu.

Is-simboliżmu qawwi li joħroġ minn din id-dehra ta' Eżekjel, huwa wieħed ċar, preċiż u f'waqtu ħafna. L-għadam niexef, mela mejjet huwa xbieha tal-poplu ta' Israel "niexef u mejjet" f'art l-eżilju, mitluq waħdu qisu mejjet. Assolutament ma seta' jieħu ebda azzjoni. Qiegħed f'art barranija mgħaffġa taħt it-toqol tal-jasar. It-tama tiegħu osfrot għal kollox.

Imma kien wasal iż-żmien ukoll biex dan l-għadam jerġa' jieħu l-ħajja. U dan ukoll sar tassew grazzi għall-ispirtu li għadda minn fuqu u bidlu f'eżerċtu ħaj, attiv u qawwi. Dan kellu jkun il-poplu futur li grazzi għal edit tas-sultan Ċiru (Is 45,13), u l-ispirtu li għadda minn fuqu bil-għajnuna ta' Nehemija u Esdra il-poplu ħareġ u reġa' lura lejn pajjiżu, l-art imwiegħda lil patrijarka Abraham. Ara għaliex il-profeta Isaija jitkellem daqshekk sabiħ dwar Ċiru: "Dan jgħid il-Mulej lill-midluk tiegħu, lil Ċiru li qbadt minn idu l-leminija biex irażżan il-ġnus quddiemu u nħoll il-ħżiem ta' ġenbejn is-slaten niftaħ il-bibien quddiemu u ebda bieb ma jibqa' magħluq" (Is 45,1).



# IL-KITBIET APOKRIFI

*Marcello Ghirlando*

Xi kultant niltaqgħu ma' kitbiet li b'xi mod jixbhu l-Kotba Mqaddsa kemm ta' l-Antik kif ukoll tal-Ġdid Testment. Per eżempju, il-Vanġelu ta' Tumas, il-Proto-Vanġelu ta' Ġakbu, l-Apokalissi ta' Pawlu, l-Atti ta' Pietru eċċ. X'inhuma dawn il-kitbiet? Għaliex mhumiex parti mill-Kotba Mqaddsa meta jixbhuhom tant? Min kitibhom, lil min u għaliex? Għaliex il-Knisja qatt ma titkellem dwarhom fil-predikazzjoni u fit-tagħlim tagħha?

Dawn il-kitbiet jissejħu 'apokrifi'. Il-kelma apokrifi ġejja mill-kelma griega 'apokryphos', kelma li tfisser 'moħbija' jew 'mistura'. Il-kitbiet apokrifi għalhekk huma sensiela ta' kitbiet, li mhumiex parti mill-Kotba Mqaddsa, anke jekk jitkellmu minn ġrajjiet u persunaġġi bibliċi. Huma frott bosta movimenti jew setet fil-Knisja tal-bidu u l-iskop tagħhom kien li jimlew il-vojt ta' dak li ma jingħadx fid-diversi Kotba Mqaddsa, speċjalment dawk tal-Ġdid Testment, barra wkoll li kellhom l-iskop li jinsistu fuq xi duttrina li ġeneralment ma kenitx aċċettata fil-Knisja universali. Il-kitbiet apokrifi ma kellhomx il-kriterji neċessarji biex jigu aċċettati bħala li jagħmlu parti mill-lista uffiċjali tal-kotba meqjusa bħala ispirati u għalhekk ma tqisux bħala



parti mill-kanoni bibliku (fuq dan ara: Suppliment no.6 – Il Kanoni tal-Bibbja).

Hawnhekk irridu nippreċiżaw ftit it-terminologija. U dan għaliex il-Protestanti jużaw it-titlu 'Apokrifi' għal dawk il-kotba li l-Knisja Kattolika sejħet 'Dewterokanoniċi'. Id-Dewterokanoniċi huma dawk il-ħmistax-il ktieb ta' l-Iskrittura li huma meqjusa bħala ispirati u ġew mdaħħla fil-Kanoni, minkejja li fuqhom, fil-bidu, kien hemm xi dubji. Dawn il-kotba Dewterokanoniċi, li l-Lhud u l-Protestanti ma jaċċettawhomx bħala parti mill-Kanoni tagħhom, huma jsejjħulhom 'Apokrifi'.

## X'inhuma l-Kitbiet Apokrifi?

Meta naqbdu f'idejna dawn il-kitbiet nindundaw li xi ftit jew wisq kollha għandhom il-forma letterarja tagħhom. Insibu vanġeli, kliem tal-Mulej, apokalissi, ittri, trattati u atti; forom letterarji li jiġbru fihom ġabra ta' innijiet, stqarrijiet ta' fidi, poeżiji, formuli liturġiċi u materjal miktub biex jgħaddi t-tagħlim.

Il-vanġeli apokrifi ġeneralment jiġbru fihom kliem u tradizzjonijiet dwar Ġesù. Fihom insibu stejjer marbuta mat-twelid tiegħu, it-tagħlim u l-passjoni tiegħu. Huma kitbiet li

jagħtuna xi tradizzjonijiet magħrufa: il-preżenza tal-bhejjem ħdejn il-maxtura tat-twelid, it-twelid tal-Messija f'għar, mirakli marbuta mat-tfulija ta' Ġesù u l-inżul ta' Kristu fl-imwiet. F'dawn il-vanġeli nsibu wkoll il-kliem u l-azzjonijiet tad-dixxipli u tal-qraba ta' Ġesù, bhalma nsibu fil-Vanġelu ta' Pietru, fil-Vanġelu ta' Marija u fil-Vanġelu ta' Tumas. Interessanti ninnutaw li, anke jekk dawn il-vanġeli mhumiex meqjusa bħala ispirati, studju kritiku tagħhom jista' joħroġ għad-dawl xi tradizzjonijiet li huma mlaqqma fil-Kotba Mqaddsa; joħroġ ghad-dawl ukoll it-twemmin li l-komunità li kitbithom kienet tħaddan.

Fil-kitbiet meqjusa bħala 'apokalissi' insibu bosta rivelazzjonijiet, viżjonijiet u r-rakkont ta' hafna dehriet tal-Mulej Irxoxt lid-dixxipli tiegħu. Dawn il-kitbiet jeżistu biss bħala frammenti u wħud minnhom li jissemmew għadhom mhumiex misjuba. Dawn l-apokalissi jiġbru fihom ukoll tħeġġiġ għall-indiema u preżentazzjonijiet grafiċi tal-ġudizzju ta' l-aħħar u d-dehra tal-ġenna u ta' l-infern. Dan insibuh per eżempju fl-Apokalissi ta' Pawlu. Insibu wkoll xi ittri li jġibu l-ismijiet ta' l-Appostli l-kbar. Per eżempju nistgħu nsemmu l-Ittra ta' Pawlu lin-nies ta' Laodikija u l-korrispondenza bejn Pawlu u Seneca. Ovvjament dawn l-ittri mhumiex awtentiċi u jġibu biss l-isem ta' appostlu jew ieħor, dik li tissejjah 'psewdo-epigrafija'.

Fost il-kitbiet apokrifi nsibu wkoll l-Atti ta' Pawlu u Tekla, l-Atti ta' Pietru, ta' Tumas, ta' Ġwanni, ta' Indrì u ta' Filippu. F'dawn l-atti nsibu speċi ta' biografija ta' l-imsemmi appostlu, biografija li tiġbor fiha s-sejħa tiegħu, kliemu, u l-ġrajjiet marbuta mal-missjoni tiegħu. Ġeneralment dawn l-atti jagħlqu bil-grajja tal-martirju ta' l-imsemmija appostli, ġrajjiet li ċertament ġew miktuba biex jedifikaw u jsaħħu l-fidi ta' l-insara li fl-ewwel sekli għaddew minn bosta żminijiet ta'



persekuzzjoni. Ma' dawn l-atti, maż-żmien, żdiedu ħafna rakkonti li jppreżentaw bosta tradizzjonijiet misjuba fit-twemmin ta' diversi knejjes jew gruppi nsara lokali. Per eżempju ta' min isemmi t-tradizzjonijiet marbuta mat-twelid u l-ħajja ta' Marija, Omm Ġesù, ir-rakkont tat-tislib rasu 'l isfel ta' l-appostlu Pietru, il-ħidma missjunarja ta' diversi dixxipli nisa, fosthom Marija Maddalena (Atti ta' Filippu), Tekla (Atti ta' Pawlu) u Maximilla (Atti ta' Indrì).

## Frott diversi komunitajiet

Irridu ngħidu li dawn il-kitbiet apokrifi twieldu fi ħdan xi knejjes jew komunitajiet insara ta' l-ewwel sekli. Spiss kienu wkoll frott id-diversi setet insara li nibtu fl-ewwel sekli, setet bħalma kienu l-Manikej, il-Montanisti u l-Prixxiljani. Forsi kien proprju għalhekk li l-Knisja Universali qatt ma setgħet taċċetta dawn il-kitbiet. Dan ma jfissirx li mgħandhomx valur. U dan għaliex meta wieħed jistudja wħud minn dawn il-kitbiet, wieħed jista' jasal għal xi veritajiet ta' fidi li kienu u għadhom miżmuma bħala essenzjali. Nukleji ta' fidi li ovvjament imorru lura għall-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżimu.

Anke jekk dawn il-kitbiet apokrifi huma mimlija leġġendi, mirakli strambi, u saħansitra bhejjem li jitkellmu, nistgħu ngħidu li studju kritiku tagħhom joffrielna tieqa miftuħa fuq l-ambjent reliġjuż, soċjali u kulturali, kif ukoll tar-reliġjożità popolari (u xi kultant folkloristika) tal-komunitajiet li fihom twieldu, komunitajiet li kienu frott l-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu.

B'dawn il-kitbiet, dawn il-komunitajiet insara jew is-setet, riedu jittrażmettu l-fidi tagħhom, jiddefendu l-pożizzjonijiet reliġjużi proprji tagħhom; permezz tagħhom riedu jgħallmu u anke jagħmlu kuraġġ lil dawk kollha li kellhom jgħaddu minn żminijiet ta' persekuzzjoni u anke żminijiet ta' martirju.



## Meta u min kitibhom?

Mhuwiex dejjem faċli naslu nifhmu meta u min kiteb dawn il-kitbiet apokrifi. Uħud minnhom jistgħu jmorru lura għall-ewwel seklu wara Kristu, imma l-biċċa l-kbira minnhom inkitbu fit-tieni u fit-tielet seklu u wħud saħansitra fil-ħames seklu wara Kristu. Imbagħad irridu niftakru li dawn il-kitbiet, minn żmien għal ieħor baqgħu jiġu miktuba, mibdula u miżjuda, skont il-ħtiega. Uħud minnhom baqgħu jigu moqrija waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi għal żmien twil. Fost dawn il-kitbiet, ta' min isemmi d-Didache (Tagħlim ta' l-Appostli), l-Ittra ta' Barnaba u r-Ragħaj ta' Hermas, tliet kitbiet li huma mill-ewlenin li nkitbu u li kien hemm min riedhom fil-Kanoni tal-Bibbja.

Ta' min jgħid li minħabba t-teoloġija ta' dawn il-kitbiet, li mhux dejjem kienet konformi mat-tagħlim u l-fidi tal-Knisja Universali, minħabba l-fatt li spiss dawn il-kitbiet kienu psewdo-epigrafiċi (moghtija l-isem ta' xi Appostlu jew persuna importanti, mingħajr ma juru min kien l-awtur veru tagħhom), il-Knisja warrbithom u ma qisithomx bħala importanti għat-tagħlim tal-fidi. U dan anke jekk kienu bosta minn Missirijiet il-Knisja (l-ewlenin għalliema kbar tal-Knisja, fl-ewwel sitt sekli ta' l-istorja tagħha) li wżaw siltiet minnhom fil-kitbiet tagħhom. Anke jekk ma kinux Kotba Mqaddsa, dawn il-kitbiet apokrifi kienu popolari. Dan jidher ċar mill-ilsien li bihom inkitbu jew li fihom ġew tradotti: bil-Grieg, Sirijaku, Koptu, Latin, Għarbi, Ġorġjan, Armen, Etjopiku. ġ

Irridu ngħidu li f'dawn l-aħħar tmenin sena, sa minn meta saret l-iskoperta ta' diversi testi apokrifi f'Nag Hammadi, 556km boghod mill-Kajr fl-Eġittu, f'ġabra ta' ħamsin manuskritt u framment, qam interess ġdid fil-kitbiet apokrifi. U r-raguni diġà semmejniha: għaliex dawn il-kitbiet joffrulna tieqa miftuħa fuq l-ambjent reliġjuż, soċjali u kulturali, kif ukoll tar-reliġjożità popolari (u xi kultant folkloristika) tal-komunitajiet li fihom twieldu, komunitajiet li kienu frott l-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu. U għalhekk, il-kitbiet apokrifi, anke jekk wieħed irid jaqrahom u jistudjahom b'kriterji xjentifiċi tajbin, mhumiex ta' min iwarrabhom!

## Il-Proto-Vanġelu ta' Ġakbu

Wieħed mill-kitbiet apokrifi l-aktar popolari kien dak li jissejjaħ il-Proto-Vanġelu ta' Ġakbu. Dan ġie miktub bil-grieg fit-tieni nofs tat-tieni seklu wara Kristu. Probabbilment ġie miktub fis-Sirja jew fl-Eġittu u kien popolari ħafna fil-Knisja tal-Lvant. Jeżiżtu diversi traduzzjonijiet antiki tiegħu: fis-Sirijaku, l-Etjopiku, il-Ġorġjan, fil-lingwa Kopta, Armena u anke Slavonika. Huwa miktub li dan il-Proto-Vanġelu nkiteb minn Ġakbu, 'ħu l-Mulej'. Imma wisq probabbli ma nkitibx la minnu u lanqas minn Lhudi minħabba l-iżbalji kbar li hemm fil-ġografija ta' l-art imqaddsa u l-konoxxenza fqira tat-tradizzjonijet tal-Lhud.

F'din il-kitba apokrifa nsibu r-rakkont tat-twelid ta' Marija u ta' Ġesù. Marija hija ppreżentata bħala t-tifla ta' Ġwakkin u Anna, koppja li ma setax ikollhom tfal. Ir-rakkont mirakoluż tat-tnissil ta' Marija huwa mibni fuq l-istorja ta' Anna, omm Samwel (1 Sam 1-2). Iċ-ċkejkna Marija, li hija min-nisel ta' David, hija kollha moghtija għall-qadi ta' Alla u tigi mħollija fit-Tempju ta' Ġerusalemm meta biss kellha tliet snin. Meta tasal għall-età ta' l-iżvilupp, il-qassisin jirranġawlha biex tiżżewweġ lil Ġużeppi, raġel anzjan li diġà kellu t-tfal minn żwieġ ieħor. Hija tnissel meta tkun għadha verġni, fatt li jiġi kkonfermat lil Ġużeppi minn anġlu f'ħolma u mill-prova li l-koppja jkollhom jagħmlu quddiem il-qassisin skont dak mitlub f'Numri 5.

Aktar tard hija tagħti d-dawl lil Ġesù f'għar qrib Betleħem. Meta l-qabla Salome tiddubita mill-verġinità ta' Marija u tipprova tikkonferma dan fiżikament, idejha jispiċċaw maħruqa. Tfiq meta tmiss it-tarbija! Ir-rakkont jagħlaq biż-żjara tal-Maġi, il-qtil tat-trabi innoċenti mis-Sultan Erodi u l-martirju ta' Żakkarija, missier Ġwanni l-Battista, fit-Tempju ta' Ġerusalemm.

X'kien l-iskop ta' dan il-Proto-Vanġelu? L-iskop tiegħu kien li jigglorifika lil Marija u jiddefendi t-twelid verġinali ta' Ġesù. Juri li Ġesù huwa min-nisel ta' David permezz ta' Marija (u mhux permezz ta' Ġużeppi, kif insibu fir-rakkont kanoniku tal-Vanġelu ta' San Mattew) u li ħutu li jiġu msemmija fil-Vanġeli huma fil-fatt ulied Ġużeppi mill-ewwel żwieġ.

## L-Atti ta' Pilatu

Kitba apokrifa oħra li oriġinarjament inkitbet bil-grieg u misjuba f'manuskritti miktuba bil-Latin, bil-Koptu, bis-Sirijaku, l-Armen u l-Għarbi. F'numru ta' manuskritti medjevali din il-kitba tinsab ma' oħra, 'l-Inżul ta' Kristu fl-imwiet', xogħol li ġeneralment iġib it-titlu 'Vanġelu ta' Nikodemu'.

L-Atti ta' Pilatu huma kitba li ssegwi r-rakkont tal-Passjoni u l-Qawmien li nsibu fl-erba' Vanġeli kanoniċi, speċjalment dak ta' San Mattew u San Ġwann. L-awtur ta' dawn l-Atti jiffoka l-interess tiegħu fuq tliet persunaġġi: Pilatu, Ġużeppi minn Arimatija u Nikodemu.

Meta Ġesù jittieħed quddiem Pilatu, l-istendardi rumani li fihom kien hemm ix-xbiha ta' l-imperatur jagħtu qima lil Ġesù. Il-kapijiet Lhud insistew li dan sar għaliex kienu dawk stess li kienu qed iġorru l-istendardi li niżżluhom f'att ta' qima. Pilatu jordna li l-istendardi jingħataw lil tnax-il raġel magħżula mill-Lhud. Xorta waħda l-istendardi jagħtu qima lil Ġesù!

Wara l-passjoni u d-difna ta' Ġesù, l-awtoritajiet Lhud jaqflu lil Ġużeppi ta' Arimatija f'binja mingħajr tieqa. Huwa jaħrab u jirrakontalhom li l-binja ġiet mgħollija 'l fuq mill-art biex il-Mulej Irxoxt joħroġu minnha, jieħdu lejn il-qabar vojt, u mbagħad lejn daru biex jistrieħ.

Lhud oħra jirrakkontaw lill-awtoritajiet Lhud u lin-nies kif kienu raw lil Ġesù Irxoxt jitkellem fuq l-għolja lid-dixxipli tiegħu fil-Galilija. Huwa mbagħad tela' s-sema. L-awtoritajiet ma jemmnux imma l-poplu jfaħħar lil Alla għaliex kienet twettqet l-Iskrittura.

Wara r-rakkonti wieħed jista' jilmaħ il-veritajiet tal-fidi: Kristu huwa Messija Sultan; qam tassew minn bejn l-imwiet, u tela' s-sema kif kien ħabbar.



# IL-FIGURA TA' TUMAS FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Kull Evanġelista għandu l-mod tiegħu kif jirrakkonta u jippreżenta l-karattri li jagħmlu parti minn narrativa tiegħu. L-Evanġelista San Ġwann mhuwiex eċċezzjoni għal dan, hekk kif huwa jsemmi bosta karattri maskili u femminili. L-importanza ta' dawn il-karattri li jissemmew f'dan l-Evanġelju toħroġ mill-mod kif huma jiddistingwu ruħhom fir-relazzjoni tagħhom ma' Ġesù. Xi wħud minnhom huma murija bħala persuni li emmnu f'Ġesù, oħrajn bħala persuni li baqgħu ma emmnux fih, jew li baqgħu jaħbu l-fidi tagħhom f'Ġesù minħabba l-biża' ta' persuni oħrajn.[1]

Waħda mill-istrateġiji li dan l-Evanġelista juża biex igħin lill-qarrejja tiegħu japprezzaw aktar dak li jkun irid igħid dwar xi karattru partikulari huwa l-użu ta' kuntrasti bejn il-persuna li jkun qed jitkellem dwarha u persuni oħra li jissemmew fl-istess episodji. Bħala eżempju ta' dan, ser nieħdu l-figura ta' Tumas, wieħed mid-dixxipli ta' Ġesù li jissemma b'ismu f'dan l-Evanġelju.

L-Evanġelista San Ġwann jirreferi għal Tumas fl-episodju ta' Lazzru, fejn naqraw kif Tumas jistieden lil sħabu biex imorru ma' Ġesù ħalli jmutu miegħu.[2] Tumas jerġa' jitfaċċa waqt l-aħħar ċena meta dan jagħmel reazzjoni għall-kliem ta' Ġesù u jgħidlu: "Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu t-triq?"[3] Wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, naqraw kif Tumas ma emminx l-aħbar li tawh sħabu l-oħra meta għarrfuh li kienu raw lill-Mulej.[4] Tumas, imbagħad jissemma għall-aħħar darba bħala wieħed mis-seba' dixxipli li marru jistadu u kif Kristu Rxoxt dehrilhom ħdejn il-baħar ta' Tiberija.[5] Dan tal-aħħar huwa l-uniku episodju li fih Tumas ma jtenni l-ebda kelma.

## It-Tewmi

Tumas[6] jitfaċċa għall-ewwel darba fin-narrativa tar-Raba' Evanġelju fl-episodju tal-mewt ta' Lazzru. Wara li Marta u Marija jibagħtu jinfurmaw lil Ġesù li ħuhom Lazzru kien marid, Ġesù jkellem lid-dixxipli dwar dan, sakemm fl-aħħar jiddeċiedi li jmur Betanja, ir-raħal ta' Marija u Marta. Huwa hawn fejn l-Evanġelista jintroduċina ma' karattru ġdid fin-narrativa: "Tumas, imlaqqam it-Tewmi, qal lil sħabu d-dixxipli: 'Immorru aħna wkoll ħa mmutu miegħu.'"[7]

F'din l-ewwel referenza għal Tumas, ir-Raba' Evanġelista mhux biss isejjaħ lil Tumas bl-isem proprju tiegħu, imma jagħtina wkoll il-laqam tiegħu, jew aħjar kif kien imsejjaħ: "it-Tewmi" – bil-Grieg: *Didymos*. Tumas, mela, jitfaċċa għall-ewwel darba fin-narrativa ta' dan l-Evanġelju preċisament b'dan il-laqam ta' "it-Tewmi." Ir-Raba' Evanġelista ma jagħmilx dan hawnhekk biss. Il-laqam ta' Tumas bħala "it-Tewmi" nsibuh ukoll kif fl-episodju tad-dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli, fejn naqraw: "Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù,"[8] u fid-dehra l-oħra ta' Kristu Rxoxt lil seba' dixxipli, fosthom lil: "Tumas, li jgħidulu t-Tewmi."[9]

Minn fost l-erba' Evanġelisti, huwa r-Raba' Evanġelista biss li jagħtina l-laqam ta' Tumas meta jsejjaħlu "it-Tewmi." Nistgħu nissoponu li ladarba Tumas kellu dan il-laqam, dan ifisser li huwa kellu ħuh jew oħtu oħra,[10] imma dan/din ma jissemmew qatt fl-Evanġelju.[11] Grasso iżda jagħtina interpretazzjoni aktar sottili tat-terminu "it-Tewmi" użat għal Tumas. Huwa jikteb li jista' jkun li dan id-dixxiplu jissemma bħala "it-Tewmi" minħabba li huwa personaġġ muri b'personalità doppja, fejn daqqa juri d-dubji tiegħu u fi bnadi oħra jesprimi l-fidi tiegħu.[12]

## Dak li ried imut ma' Ġesù

Tajjeb ninnutaw kif meta Tumas jitfaċċa għall-ewwel darba fin-narrativa ta' dan

l-Evanġelju, preċiżament fil-ġrajja tal-mewta ta' Lazzru, il-kliem li huwa jtenni, jgħidu lil sħabu l-oħra, bil-Grieg: *symmathetais*, jiġifieri sħabu d-dixxipli.[13] Bl-użu ta' din il-kelma, ir-Raba' Evanġelista, jikkaratterizza b'mod impliċitu, lil Tumas bħala wieħed mid-dixxipli ta' Ġesù. Tumas hawnhekk jitkellem f'isem sħabu meta jistedinhom: "Immorru aħna wkoll ħa mmutu miegħu."[14]

Xi wħud mill-istudjużi ta' dan l-Evanġelju jiddubitaw kemm tassew nistgħu nieħdu dan il-kliem ta' Tumas bis-serjetà.[15] Dan minħabba li l-kliem li Tumas ilissen hawn jixbah ħafna l-kliem ta' ftaħir li Pietru jtenni waqt l-aħħar ċena meta lil Ġesù jgħidlu: "Għalik jiena nagħti ħajti!"[16] Ġesù jwaqqa' l-kliem ta' Pietru meta immedjatament iwieġbu: "Inti, tagħti ħajtek għalija? Tassew tassew ngħidlek li s-serduk ma jkunx idden qabel ma tkun ċħadtni tliet darbiet!"[17]

Fil-fatt, minkejja l-kliem tat-tħeġġiġ ta' Tumas lil sħabu l-oħra biex imorru u jmutu ma' Ġesù, qatt ma naqraw fil-kumplament ta' din il-ġrajja ta' Lazzru, li d-dixxipli kienu preżenti f'Betanja, anke jekk l-Evanġelista ma riedx jeskludihom mill-folla preżenti.[18]

## Dak li ma jafx it-Triq

Tumas jerġa' jissemma f'dan l-Evanġelju, fix-xena tal-aħħar ċena ta' Ġesù mad-dixxipli tiegħu. Wara li Ġesù jgħid lid-dixxipli li kien sejjer iħejjilhom post u li kellu jerġa' jiġi biex: "Neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll,"[19] huwa jafferma: "U t-triq għall-post fejn sejjer tafuha."[20] Għal dan il-kliem, Tumas jirreaġixxi f'isem sħabu: "Tumas qallu: 'Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu t-triq?'"[21]

F'dan il-kliem ninnutaw, l-ewwel il-mod kif Tumas jindirizza lil Ġesù bit-titlu





ta' "Mulej" – bil-Grieg: *Kyrie.* Dan hu l-istess titlu li Pietru uża qablu, meta aktar kmieni waqt din l-aħħar ċena jagħmel reazzjoni għal Ġesù li resaq lejh biex jaħsillu riġlejh.[22] Minkejja dan it-titlu ta' rispett li bih Tumas jindirizza lil Ġesù, Tumas juri li ma kien fehem xejn mill-kliem li qalilhom Ġesù. Dan jidher mill-kliem li Tumas itenni f'isem sħabu, tant illi juża verbi fl-ewwel persuna fil-plural: "Aħna ma nafux ... kif nistgħu nafu ..."

F'dan il-kliem tiegħu, Tumas juri li hu u sħabu la kienu jafu d-destinazzjoni ta' fejn kien sejjer Ġesù, u wisq anqas it-triq li kellhom jieħdu biex jaslu fejn kien sejjer Ġesù. Il-protesta ta' Tumas, iżda tikkuntrasta mal-kliem ta' Ġesù li kemm-il darba nsibuh jitkellem dwar it-tluq tiegħu.[23] Jidher iżda li dan l-Evanġelista juża din l-istrateġija letterarja ta' persuni li ma jifhmux kliem Ġesù, sabiex joffri spjegazzjonijiet oħra dwar dak li Ġesù ried ifisser, f'dan il-każ it-tifsira tal-kelma "triq."[24]

## Wieħed mit-Tnax

Bla ebda dubju l-aktar episodju li għalih jibqa' jissemma Tumas huwa dak li jseħħ wara l-qawmien ta' Kristu mill-mewt. Fil-kapitlu 20, ir-Raba' Evanġelista jirrakkonta żewġ dehriet ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli. Fl-ewwel dehra, Tumas inzerta ma kienx preżenti mad-dixxipli l-oħra.[25] Dan insiru nafuh fl-episodju li jsegwi[26] u li jibda b'din l-informazzjoni: "Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù."[27] Kien għalhekk li meta Tumas ingħaqad mad-dixxipli l-oħra, dawn qalulu: "Rajna l-Mulej,"[28] stqarrija li teħodna lura għal dak li Marija ta' Magdala ttenni lid-dixxipli: "Rajt lill-Mulej."[29]

Interessanti kif hawnhekk Tumas jiġi ppreżentat lill-qarrej mhux biss bil-laqam ta' "it-Tewmi" li diġà ltqajna miegħu f'11:16, imma wkoll bħala "wieħed mit-Tnax" – bil-Grieg: *eis ek ton dodeka.* Din hija informazzjoni ġdida li dan l-Evanġelista jagħtiha hawn biss, għalkemm l-espressjoni diġà tissemma f'referenza għal Ġuda l-Iskarjota "wieħed mit-Tnax"[30] li kellu jittradixxi lil Ġesù.

Minkejja li r-Raba' Evanġelista jurina li kien jaf bin-nozzjoni tat-Tnax-il appostlu, f'kuntrast mal-Evanġelji Sinottiċi, huwa ma tantx jużaha bħala 'titlu.'[31] Minflok, dan l-Evanġelista jippreferi n-nozzjoni ta' "dixxipli" - bil-Grieg: *mathetes* - kelma li f'dan l-Evanġelju tissemma daqs 78 darba.[32] Minħabba li r-Raba' Evanġelista ħafna drabi jsemmi lid-dixxipli flimkien, bosta huma dawk li jqisuhom bħala karattru "korporattiv,"[33] anke jekk kull wieħed minnhom jibqa' karattru differenti mill-ieħor, tant illi r-Raba' Evanġelista jidentifika b'isimhom xi wħud minn dawn "id-dixxipli," fosthom lil Tumas.

## Dak li ma emminx

Tumas jissemma bi prominenza kbira lejn

l-aħħar tal-Evanġelju skont San Ġwann, meta huwa għal xi raġuni li ma nsirux nafu x'inhi, ma kienx mad-dixxipli meta dehrilhom Ġesù. "Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: 'Rajna l-Mulej.'"[34]

B'mod drammatiku, ir-Raba' Evanġelista jippreżentalna r-reazzjoni negattiva li għamel Tumas għal din l-aħbar meta lid-dixxipli jgħidilhom: "Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, jiena ma nemmix."[35] F'din il-protesta tiegħu, Tumas donnu li jiġi inkluż fiċ-ċanfira li Ġesù jagħti lill-uffiċjal li mar jinterċedi għall-ibnu: "Jekk ma tarawx sinjali u għeġubijiet ma temmnux!"[36] Mhux biss, imma kliem Tumas joqrob ukoll lejn dak tal-folla preżenti għad-diskors ta' Ġesù fuq il-ħobż tal-ħajja meta dawn jisfidaw lil Ġesù dwar il-kredenzjali tiegħu: "X'sinjal se tagħmel biex aħna narawh u nemmnuk? X'sejjer tagħmel?"[37]

Wara l-protesta ta' Tumas ma' sħabu, naqraw: "Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa, u Tumas magħhom."[38] Il-kuntrast li l-Evanġelista joħloq hawnhekk bejn Tumas u d-dixxipli l-oħra, huwa ssuġġerit mill-fatt li fl-ewwel xena Tumas kien assenti meta Kristu Rxoxt deher lid-dixxipli, anke jekk Tumas "kien wieħed



mit-tnax."[39] Il-fatt li Tumas ma kienx mad-dixxipli meta dehrilhom Kristu Rxoxt ifisser li hu ma kienx ikkummissjonat u lanqas ma rċieva l-Ispirtu bħalma ġara fil-każ tad-dixxipli l-oħra.[40] Fil-fatt, fid-deskrizzjoni tat-tieni dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli ma naqrawx li Tumas ġie kkumpensat għal dak li kien tilef.

Kuntrast ieħor bejn Tumas u l-kumplament tad-dixxipli f'dan ix-xenarju joħroġ mill-fatt li fl-ewwel dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli, dawn tal-aħħar huma murija bħala karattri passivi. Ġesù jidher lilhom, isellmilhom, mhux darba imma darbtejn, jurihom idejh u ġenbu, jagħtihom id-don tal-Ispirtu s-Santu, jikkummissjonahom, jagħtihom il-qawwa li jaħfru d-dnubiet. Imma d-dixxipli ma jitkellmu qatt f'din ix-xena. L-uniku attività tagħhom hija biss ir-reazzjoni li fiha naqraw: "Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej."[41] Mhux hekk iżda nistgħu ngħidu għal Tumas. Meta Kristu Rxoxt reġa' deher lid-dixxipli, inkluż lil Tumas, huwa ndirizza direttament lil Tumas, filwaqt li wieġeb għad-dubji li Tumas kien esprima ma' sħabu.

## Id-dixxiplu li stqarr lil Ġesù

Fi żmien "tmint ijiem wara"[42] l-ewwel dehra tiegħu, Kristu Rxoxt reġa' deher lid-dixxipli, inkluż lil Tumas li issa kien preżenti mad-dixxipli. Huwa lil Tumas li Ġesù jindirizza meta qallu: "Ġib sebgħek hawn u ara idejja, u ressaq idejk u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen."[43] Hemm ħames imperattivi li Ġesù jtenni f'dan il-kliem: (i) "Ġib" – bil-Grieg: *phere*; (ii) "ara" – bil-Grieg: *ide*; (iii) "ressaq" – bil-Grieg: *phere*; (iv) qegħdha – bil-Grieg: *bale*; (v) "tkunx" – bil-Grieg: *ginou*. F'dan kollu, Ġesù jitfa' l-attenzjoni fuq dak li Tumas stess kien ipprotesta dwaru aktar kmieni: l-idejn u l-kustat – "Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, jiena ma nemminx."[44]

Imma issa Ġesù jikkmanda lil dan id-dixxiplu biex jagħmel il-kuntrarju ta' dak li Tumas kien iddikjara aktar kmieni: "Tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen."[45] L-Evanġelista ma jgħidilniex jekk Tumas obdiex il-kmand ta' Ġesù sabiex imiss mal-pjagi tiegħu. Minflok, naqraw l-istqarrija li jagħmel Tumas: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!"[46] Din l-istqarrija Kristoloġika tikkostitwixxi l-unika stqarrija fid-Divinità ta' Ġesù li nsibu f'dan l-Evanġelju, u allura hija meqjusa bħala l-quċċata tal-istqarrijiet l-oħra li nsibu f'dan l-Evanġelju. [47] Jekk fil-bidunett tal-Evanġelju kien l-Evanġelista stess li jistqarr il-*logos* bħala Alla - "Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla, u l-Verb kien Alla,"[48] issa huwa Tumas li jagħmel din l-istess stqarrija. Dan ifisser li dan l-Evanġelju jagħlaq fuq l-istess nota Kristoloġika li biha jiftaħ. Is-silta li tirrakkonta d-dehra ta' Kristu Rxoxt lil Tumas tagħlaq bit-tweġiba ta' Ġesù għall-istqarrija ta' Tumas: "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu,"[49] beatitudni moħbija li nsibu f'dan l-Evanġelju. [50]

Mhux l-istudjużi kollha jaqblu bejniethom kif għandna nevalwaw il-fidi ta' Tumas fid-dawl ta' dan il-kliem li jtenni Kristu Rxoxt. Bosta huma dawk li jsostnu li t-tweġiba li Ġesù jagħti lil Tumas, ma tfissirx li huwa kien qed ifaħħar il-fidi ta' Tumas. Permezz tad-dikjarazzjoni ta' din il-beatitudni, Ġesù jistabilixxi konfront bejn l-atteġġjament ta' Tumas ma' dak ta' dixxipli li fil-futur kellhom jemmnu mingħajr ma jaraw u jivverifikaw. Din l-opportunità kienet mogħtija biss lid-dixxipli li għexu ma' Ġesù, imma mhux lil dawk li ġew warajhom.

Il-qarrejja ta' dan l-Evanġelju mela, qed jiġu mistiedna biex jemmnu mhux billi jaraw lil Ġesù b'mod fiżiku bħalma rawh id-dixxipli, imma permezz tal-istess xhieda li Kristu hu Ħaj, xhieda li taw l-istess dixxipli ta' Ġesù. F'dan is-sens, Tumas hu meqjus minn xi wħud bħala "anti-mudell" għal min jemmen.[51] Minkejja l-istqarrija kbira li Tumas jagħmel quddiem il-preżenza ta' Kristu Rxoxt, Ġesù ma jfaħħrux u ma jifraħlux. Għalhekk, filwaqt li Tumas jibqa' wieħed mit-"Tnax," ir-Raba' Evanġelista jippreżentah bħala karattru differenti mill-kumplament ta' sħabu d-dixxipli.[52]

## Referenzi

1 Dwar l-istudju tal-karattri f'San Ġwann ara, Cornelis Bennema, "A Comprehsive Approach to Understanding Character in the Gospel of John," f'Characters and Characterization in the Gospel of John. Library of New Testament Studies 461, ed. Christopher W. Skinner (London, New Delhi: Bloomsbury, T&T Clark, 2013), 36-58.

2 Ara Ġw 11:16.

3 Ġw 14:5.

4 Ara Ġw 20:24-29.

5 Ara Ġw 21:2.

6 Craig S. Keener, The Gospel of John (Peabody,

MA: Hendrickons, 2003), 2:1208-1209, jiddiskuti numru ta' kwestjonijiet marbuta mal-istoriċità tat-tradizzjonijiet marbuta ma' Tumas.

7 Ġw 11:16.

8 Ġw 20:24.

9 Ġw 21:2.

10 Il-kitba Gnostika L-Atti ta' Tumas, li tmur lura għat-3 Seklu, tidentifika lil Tumas bħala ħu, u allura tewmi ma' Ġesù, u li fid-dehra tiegħu kien jixxiebah ma' Kristu. Ara Acts Thom. 11, 31, 39.

11 Il-fatt li r-Raba' Evanġelista ma jagħtina l-ebda informazzjoni dwar jekk Tumas kellux ħuh jew oħtu tewmija, nistgħu nqisuha bħala strateġija letterarja li biha l-awtur iħalli f'idejn il-qarrejja jixtarru dwar dan. Ara, John Y. H. Yieh, "Thomas," New Interpreter's Dictionary of the Bible, ed. Katharine Doob Sakenfeld (Nashville: Abingdon, 2009), 5:582.

12 Ara Santi Grasso, Il Vangelo di Giovanni. Commento esegetico e teologico (Roma: Città Nuova, 2008), 773.

13 Ġw 11:16.

14 Ġw 11:16.

15 Ara Johannes Beutler, A Commentary on the Gospel of John, trans. Michael Tait (Grand Rapids, Michigan: Eerdmans, 2017), 300. Ara wkoll, Francis J. Moloney, "Can Everyone Be Wrong? A Reading of John 11:1-12:8," New Testament Studies 49 (2003): 512.

16 Ġw 13:37.

17 Ġw 13:38.

18 Dwar din in-nota ara, Raymond F. Collins, "'Who are You?' Comparison/ Contrast and Fourth Gospel Characterization," f'Characters and Characterization in the Gospel of John. Library of New Testament Studies 461, ed. Christopher W. Skinner (London, New Delhi: Bloomsbury, T&T Clark, 2013), 82, no.17.

19 Ġw 14:3.

20 Ġw 14:4.

21 Ġw 14:5.

22 Ara Ġw 13:6.

23 Ara Ġw 7:33-34; 8:14.21.22.

24 Dwar din l-istrateġija letterarja f'dan il-kuntest ara, Grasso, Il Vangelo di Giovanni, 584-585.

25 Ara Ġw 20:19-23.

26 Ara Ġw 20:24-29.

27 Ġw 20:24.

28 Ġw 20:25a.

29 Ġw 20:18.

30 Ġw 6:71.

31 Bħala titlu għall-appostli, "it-Tnax" jissemmew biss erba' darbiet fir-Raba' Evanġelju. Ara Ġw 6:67.70.71; 20:24. Għal diskussjoni fuq ir-rwol tat-Tnax f'dan l-Evanġelju ara, Raymond F. Collins, "The Twelve, Another Perspetive: John 6:67-71," Melita Theologica 90 (1989): 95-109; Andreas J. Köstenberger, The Mission of Jesus & the Disciples according to the Fourth Gospel (Grand Rapids, Michigan: Eerdmans, 1998), 147-148; Cornelis Bennema, Encountering Jesus: Character Studies in the Gospel of John (Milton Keynes: Paternoster, 2009), 164-170.

32 Ara R. Alan Culpepper, Anatomy of the Fourth Gospel: A Study in Literary Design (Philadelphia: Fortress, 1983), 115. Mhux kull referenza għad-dixxipli fl-Evanġelju skont San Ġwann tirreferi għad-dixxipli ta' Ġesù. F'dan l-Evanġelju jissemmew dixxipli oħra, bħalma huma d-dixxipli ta' Mosè (ara Ġw 9:28); jew id-dixxipli ta' Ġwanni l-Battista (ara Ġw 1:35).

33 Dwar dan ara, Raymond F. Collins, "From John to

the Beloved Disciple: An Essay on Johannine Characters," Interpretation 49 (1995): 360, stampat mill-ġdid f'Gospel Interpretation: Narrative-Critical & Social-Scientific Approaches, ed. Jack Dean Kingsbury (Harrisburg, PA: Trinity Press International, 1997), 200-211. Ara wkoll, Susan E. Hylen, Imperfect Believers: Ambiguous Characters in the Gospel of John (Louisville: Westminister John Knox, 2009), 60.

34 Ġw 20:25a. L-użu tal-kelma "oħra" – bil-Grieg: alloi – hawnhekk użata fir-rigward tad-dixxipli, qed terġa timplika li Tumas kien ukoll dixxiplu, anke jekk l-Evanġelista San Ġwann ma jirreferix għalih hekk b'mod espliċitu, la hawn u lanqas fil-kumplament tan-narrattiva.

35 Ġw 20:25b.

36 Ġw 4:48.

37 Ġw 6:30.

38 Ġw 20:26a.

39 Fuq dan il-punt ara, Wilhem Michaels, The Gospel of John, New International Commentary on the New Testament (Grand Rapids: Eerdmans, 2010), 1015.

40 Ara Ġw 20:21-23.

41 Ġw 20:20.

42 Ġw 20:26.

43 Ġw 20:27.

44 Ġw 20:25.

45 Ġw 20:27.

46 Ġw 20:28.

47 Dwar dan il-punt ara, Melvyn R. Hillmer, "They Believed in Him: Discipleship in the Johannine Tradition," f' Patterns of Discipleship in the New Testament, ed. Richard N. Longenecker (Grand Rapids, Michigan: Eerdmans, 1996), 77.

48 Ġw 1:1.

49 Ġw 20:29.

50 Ara Raymond F. Collins, "'Blessed Are Those Who Have Not Seen:' John 20:29," f' Transcending Boundaries: Contemporary Readings of the New Testament. Biblioteca di Scienze Religiose 187, eds., Rekha M. Chennattu u Mary L. Coloe (Roma: Libreria Ateneo Salesiano, 2005), 173-190. Ara wkoll, Peter J. Judge, "John 20:24-29. More than Doubt, Beyond Rebuke," f'The Death of Jesus in the Fourth Gospel, ed. Gilbert van Belle. Bibliotecha ephemeridum theologicarum lovaniensium 200 (Leuven: Peeters, 2007), 913-930.

51 Ara Grasso, Il Vangelo di Giovanni, 777.

52 Ara l-konklużjoni tal-istudju ta' Collins, "'Who are You?'," 89-90.

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2023




## ABBONAMENT:
**€10 fis-sena**
**€15 jew aktar Sostenitur**

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2023




**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Is-Santwarju ta' Betfaġe - Ritratt: Andrè Mangion*